**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Jannar, 2025

Rikors Ġuramentat: 216/2016 AL

**A B**

**vs**

**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur datat 30 ta' Settembru 2016 li permezz tiegħu ppremetta kif ġej:

*1. Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni li minnha kellhom żewg t'itfal; it-tifel minuri F E B ta' tnax-il (12) sena u G E B D ta' disa' (9) snin (ara ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok A u B);*

[1] Fol. 1.

*2. Illi l-esponenti ilu ma jara lill-uliedu minn Marzu tal-2016, minkejja kull tentattiv minn-naha tieghu;*

*3. Illi l-intimata ghandha certu pussess fuq il-minuri u filfatt dejjem insistiet illi hija tkun prezenta kull darba li l-esponenti kellu l-opportunita' li jara lill-uliedu;*

*4. Illi dan halla impatt negattiv fuq ir-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u uliedu minuri li donnom qed jerfghu huma stess l-piz tad-dizgwid ta' bejnu u bejn l-intimata, bil-konsegwenza li qed jinsistu li ma jarawx;*

*5. Illi madanakollu, l-esponenti ghamel minn kollox biex jikkomunika ma uliedu, kemm billi jipprova jaghmel kuntatt mal-intimata u anke ma uliedu, anke tramite siti socjali. Illi nonostante ma kienx l-ewwel darba li l-intimata hassret l-appuntamenti li kellom, bil-kunsegwenza li hu rega ma rax lill-minuri;*

*6. Illi l-esponenti dejjem kontribwixxi ghal manteniment ta' uliedu u dan kif ser jirrizulta mill-provi tal-kawza;*

*7. Illi in fatti, l-intimata dejjem titana tpitter lill-esponenti bhala bniedem irresponsabbli u taghmel diversi allegazzjonijiet foloz, fosthom illi l-esponenti ghandu hafna nisa;*

*8. Illi dan certament mhux fl-ahjar interess tal-minuri li ghandhom ikollom xi tip ta' kuntatt ma' missierom biex tibda tifforma u tittejeb ir-relazzjoni ta' bejniethom.*

*9. Illi l-esponenti jhossu ferm mweggha bis-sitwazzjoni u huwa jrid illi jkun parti f'hajjiet uliedu;*

*10. Illi l-awtorizzazjoni biex tinfetah din il-kawza nghatat permezz ta' Digriet fl-Atti tal-Medjazzjoni datat 23 ta' Awissu, 2016 (viMDok C).*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara li l-kura u kustodja ghaz-zewg ulied minuri ghandha tibqa' kongunta, b'mod li l-Qorti takkorda access adekwat, a favur tal-esponenti.*

*Salv provvedimenti ohra li l-Qorti jidhrila xieraq u gusti.*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-intimata li tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' F E B D;[2]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' G E B D;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[4] fejn ġie eċċepit illi:

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti B sabiex hu jinghata kustodja kongunta tat-tfal u/jew li jkollu access ghat-tfal ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:*

*2. Illi huwa qabel xejn minnu, li z-zewgt itfal in kwistjoni huma t-tfal tal-partijiet f'din il-kawza li kellhom relazzjoni fit-tul, ghad li qatt ma zzewgu, li minnha twieldu F u G u liema tfal trabbew kwazi esklussivament mill-esponenti ommom, a spejjez taghha, inkluz dawk l-ispejjez diretti ghall-edukazzjoni taghhom;*

*3. Illi ghal hafna zmien, fuq ghazla personali tieghu, ir-rikorrent B ghazel li ma jinvolvix ruhu fl-ebda mod fit-trobbija ta' uliedu, ghajr ghal xi mumenti fejn kien jghogbu jintervjeni ghall-mumenti qosra ta' zvag, skont il-kumdita*

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 6.
[4] Fol. 57.

*tieghu, b'dan li jerga jisparixxi wara ftit, meta ma jibqax komdu li jara lill-uliedu;*

*4. Illi kjarament ir-rikorrent jista' jaghmel li jrid b'hajtu, b'dan li pero ma jistghax jibqa jidhol u johrog minn hajjet uliedu bhal li kieku dawn kienu oggett li ma jhossux il-fatt li missirehom Ieli hemm u Ieli le, skont il-prijoritajiet tieghu;*

*5. Illi jidher fil-fatt li l-prezenti proceduri huma r-rizultat ta' fazi f'hajjet ir-rikorrent fejn huwa komdu li minflokk li jivvjaggja madwar id-dinja jew jigri wara l-holm tieghu, jipprova jara kif imur f'avventura gdida bhala missier ta' zewgt itfal;*

*6. Illi l-problema madankollu, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, hija l-fatt li t-tfal mhumiex holma jew pajjiz. Ghalhekk meta missierhom jerga jixba minnhom u jitlef l-interess, kif dejjem jaghmel u konsegwentement jerga jabbadnuna t-trobbija taghhom ghall-avventura li jmiss, dan jerga jkun ta' detriment enormi psikoloIku ghaz-zewgt itfal tieghu, li jerga jkollhom jirkupraw minn din it-telfa, b'dan li ommhom tkun hemm, kif dejjem kienet fil-passat, biex tghinhom f'dawn id-disappunti, waqt li missierhom jitlaq b'certu spensieratezza ghall-avventura li jmiss lejn xi destinazzjoni ezotika Indonesjana bhal Bali u d-dintorni jew xi Isle of Man;*

*7. Illi minXa dan kollu, li Ia wahdu huwa bizzejjed sabiex il-missier ma jinghatax l-opportunita' li jerga jiddisapunta lill-uliedu, wiehed ukoll irid jissotilinea li meta fil-fatt kellu access ghat-tfal, A B dejjem aIxxa f'mod irresponsabbli ghall-ahhar u xejn konsonu ma' l-obbligu u r-responsabbiltajiet tieghu ta' missier;*

*8. Illi fil-fatt fil-passat C D E sincerament ghamlet dak kollu li setghet, b'sofferenza u sagrificcju personali kbir, sabiex izzomm il-familja mghaquda u sabiex A B ikollu kuntatt mat-tfal.*

*9. Illi dan jinghad specjalment meta A B kien intraprenda l-avventura gdida tieghu konsisenti f'li jabbanduna lill-familja u jmur jghix ghal rasu fuq bicca art agrikola gewwa l-Bahrija mizghuda grieden, sriep u nemus - fost varji*

*insidji ohra ghat-tfal zghar - u minghajr facilitajiet igenici bazici (bhal toilet u shower mghaluqa), b'dan li meta kien joghogbu kien jordna lil omm tohodlu lit-tfal fuq din l-art u kienu jqattghu weekends shah sfurzati jghazqu l-hamrija ghal sieghat shah fix-xemx u joqtlu il-grieden, nonostante illi A B kien u ghadu konsapevoli bil-kundizzjoni tal-HSP (Henoch Schlein Purpura) tat-tifel il-kbir F li huwa ta' pregudizzji kbir ghalih joqghod fix-xemx u shanat;*

*10. Illi dan minXa li jorqdu fuq saqqu mitfugh fl-art u li jigu mistiedna juzaw barmil imsaddad ghall-htiIjiet fizjoloIci taghhom;*

*11. Illi huwa dan kollu, fost l-ohrajn, perijodi twal ta' assenza tieghu u l-imIeba skorretta tieghu mat-tfal, li holoq frattura fir-relazzjoni tieghu maghhom, b'dan li tfal issa ma jridux ikollom x'jaqsmu xejn mieghu u huma tterrorizzati minnu u sahansitra qeghdin ibghatu minn rabja u panic attacks frekwenti kif sejjer jiI pruvat.*

*12. Illi din il-frattura certament mhijiex imputabbli għal xi intervent tal-esponenti ommhom, izda biss il-frott tal-aIr irresponsabbli, egoist u skunsidrat tar-rikorrenti B li madankollu llum jiI b'wiccu minn quddiem, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghall-kustodja u l-access tat-tfal, qiesu xejn ma huwa xejn. Bhal li kieku uliedu ma jifilhuhx minhabba l-aIr ta' ommhom mhux minhabba l-aIr tieghu.*

*13. Illi s-suespost, A B jafu u jafu ben tajjeb, tant li recentement qabel li ffirma consent form ma' C D E sabiex it-tfal jibdew sessjonijiet mac-Child PsycholoIst Luisa Eminyan sabiex jigu mghejjuna johorgu minn din is-sitwazzjoni ta' rabja, biza u paniku u sabiex jiI skopert x'hinija/x'inhuma r-ragunijiet li qed iwasslu lil dawn il-minuri jibzaw u jirrifjutaw illi jkellmu u jaraw lil A B;*

*14. Illi fil-fatt B kien ikun aktar korrett lejn dina l-Onorabbli Qorti li kieku spjega li huwa ilu ma jara it-tfal ghaliex it-tfal qed jirrifjutaw bis-sahha kollha li jkollom kwalsiasi kuntatt mieghu, haga li A B jaf ghaliex meta ghamel tentattivi li jikkuntattja lit-tfal tramite messagI miktuba, huma dejjem irrispondew b'mod car u inekwivokabbli li ma jridux ikellmuh,*

*icemplulu jew jiltaqghu mieghu, nonostante li ommom tghidilhom biex icemplulu u jkellmuh;*

*15. Illi dan kollu huwa ben dokumentat f'dokumentazzjoni dettaljata li Iet sottomessa quddiem din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, f'proceduri ohra relatati mat-talbiet prezenti, senjatament fl-atti tal-medjazzjoni numru 726/16 RGM.*

*16. Illi, in aggunta mas-suespost, bhal li kieku dan ma kienx bizzejjed, irid jinghad ukoll li A B huwa mdahhal f'kulti u settet bhal Santo Daime u l-Angka Number Meditation Divine Love Society, u esponha lit-tfal ghall-prattici u uzanzi ta' dawn il-kulti, fosthom il-hruq ta' l-iskart tal-baqar, partikolarment fuq it-tifel F, billi kien jidliklu b'dan l-iskart tal-baqar fuq il-feriti/blisters - kawza tal-HSP (Henoch Schlein Purpura) deskritta aktar il-fuq - u dan ovvjament minghajr il-kunsens tal-esponenti C D E u wisq anqas ta' xi tabib jew espert mediku.*

*17. Illi a bazi ta' dak premess u ta' diversi ragunijiet oħra li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, huwa ovvju li A B mhuwiex sufficjentement responsabbli u ma hux persuna idonea sabiex jithalla javvicina u jkollu kuntatt mat-tfal;*

*18. Illi din id-dikjarazzjoni, l-esponenti omm ta' l-imsemmija tfal, ma taghmilhiex bl-ebda sens ta' vendikazzjoni jew ritaljazzjoni lejn B, izda b'dispjacir u b'responsabilita` kbira, billi taf kemm bghatew uliedha (kif ukoll hi) minhabba l- egoismu u narcisismu kbir tar-rikorrent, li fost l-ohrajn wassal sahansitra biex l-anqas l-istess uliedu ma jistghu jarawh b'ghajnejhom;*

*19. Illi ghalhekk omm it-tfal ma tistghax ma titlobx lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti, ghad li dan taghmlu b'uIegh sincier, billi fil-passat ippruvat tara kif taghmel biex tinvolvi lil missierhom f'hajjet uliedhom, izda hi taf ezattament li missierhom jista' jIb biss miserja f'hajjithom u hsara psikoloIka ultejuri u irrevokabbli, billi llum jinteressah minnhom, dejjem fil-mod irresponsabbli u superficjali tieghu u ghal interessi passiIeri tieghu, filwaqt li fil-futur qarib jerga jinsihom u jabbandunhom, kif spiss u ripetutament ghamel qabel;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi provvediment ulterjuri li jidrilha xieraq jew opportun, joghgobha tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u l-proceduri kollha relatati jkunu a karigu tar-rikorrenti B li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;*

*B'dan li l-konvenuta C D E K.I. 0294771(M) ser tipprevali ruħha mid-dritt tal-kontrotalba skond kif awtorizzata mill-liġi kontra A B, u dan kif isegwi din ir-risposta;*
Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenjenti[5] li fiha ppremettiet:

1. *Illi l-konvenuta C D E K.I.0294771(M) tipprevali ruħha mid-dritt tal-kontrotalba skond kif awtorizzata mill-liġi kontra A B, kif isegwi:*

2. *Illi l-partijiet, ghad li qatt ma kienu mizzewga, ghandhom zewgt ulied bejniethom senjatament F E B D, mwieled fis-7 ta' Dicembru 2003 u G E B D, mwieled fl-17 ta' Settembru 2007 u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid rispettivament immarkati bhala Dok. A u Dok. B mar-rikors promotur ta' A B;*

3. *Illi F illum ghandu tlettax (13) il sena u ilu jmur l-iskola San Andrea ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, b'dan li llum qieghed GraM9 fl-imsemmija skola, filwaqt li G illum il-gurnata ghandu disa (9) snin u ilu jattendi l-istess skola ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin, 'dan li llum qieghed GraM6;*

4. *Illi l-konvenut missier ta' F u G, ghex ghal ftit zmien, f'mod spezzettat, mat-tfal u l-attrici b'dan li diversi snin ilu hu abbanduna lit-tfal u l-omm billi ddecieda li jmur jghix frazzett fil-limiti tal-bahrija, liema razzett mhuwiex addattat sabiex jghixu fih in-nies, ahseb u ara tfal ta' l-eta tenera ta' F u G, billi fost l-ohrajn sprovvista mill-facilitajiet l-aktar bazici ta' igjene;*

[5] Fol. 62.

*5. Illi t-tfal Ieli marru jzuru lill-missierhom f'dan ir-razzett b'dan li kif ser jiI ppruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza huma gew imIeghhla fost l-ohrajn jorqdu fuq saqqu ma' l-art, joqtlu l-grieden, jghazqu l-art fix-xemx ghad li partikolarment F ma jistghax ikun sottopost ghax-xemx u/jew shanat minhabba kundizzjoni medika li jbaghti minnha, u gew mIeghla ukoll jattendu u jippartecipaw f'riti ta' settet u kulti li jifforma parti minnhom missierhom;*

*6. Illi fid-dawl ta' dan kollu t-tfal saru jibizghu minn missierhom u mhumiex komdi jiltaqghu mieghu billi missierhom qatt ma kien konsistenti fl-ebda mod lejhom u hemm biza cara li kif issa donnu jixtieq jerga jidhol f'hajjithom u jerga johrog minna qiesu xejn ma huwa xejn;*

*7. Illi minhabba dan u minhabba hafna aktar, kif ser jiI spjegat u ppruvat fil-mori tal' din il-kawza, huwa car li l-missier ma jmissux jinghata ebda forma ta' kustodja fuq it-tfal billi mhuwiex sufficjentement responsabbli sabiex jiehu hsiebhom u ghalhekk il-kustodja tat-tfal ghandha tkun esklussivament lill-omm;*

*8. Illi Xa minn hekk tul is-snin il-missier konvenut kien ukoll irregolari ghall-ahhar fil-mod kif jghin finanzjarjament ghat-trobbija tat-tfal u ghajr ghal xi pagament sporadiku ta' misati tal-iskola tat-tfal, cioe total ta' tlett misati fuq medda ta' diversi snin u xi hlas ta' manteniment mensili ukoll sporadiku hafna ta' hames mitt euro (€500), liema manteniment hu ilu ma jhallas minn Lulju 2016;*

*9. Illi ghalhekk ir-responsabbilta' finanzjarja tat-trobbija ta' G u F terfaghha kwazi esklussivament ommhom ghajr ghal xi pagamenti sporadici tal-missier li ma jhossux obbligat jaghmel pagamenti regolari u liema pagamenti, meta saru, saru kontra favuri varji mghamula mill-omm D E lil A B, kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kaz.*

*10. Illi dan l-istat ta' fatt qieghed johloq diffikultajiet cari fit-trobbija tat-tfal billi l-finanzi tal-omm mhumiex sufficjenti sabiex trabbi t-tfal f'mod decenti thallas il-mizati ta' l-iskola, b'dan ukoll li qeghda*

*tinholoq ukoll sitwazzjoni problematika ma' l-iskola tat-tfal billi l-pagamenti hafna drabi jsiru tardivament u dan jaffettwa 'kwadru psikoloIku tat-tfal illi inevitabbilment jkunu konsapevoli tas-sitwazzjoni;*

11. *Illi ghalhekk hemm il-htiega cara li l-missier ghandu jiI obbligat minn din l-Onorabbli Qorti li jipprovdi manteniment mensili ghat-trobbija ta' uliedu, ta' mhux anqas minn mitejn u hamsin euro kull wiehed u li jiI ordnat li jhallas ghal nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni ta' uliedu, kif ukoll ta' htiIjiet ohra bhal ma huma spejjez ta' sahha u medicinali;*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kontro talba;*

*Ghaldaqstant, għar-raġunijiet premessi P D E titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment iehor li jidhrilha opportun:*

*1. Takkorda l-kura u kustodja ta' l-imsemmija tfal F E B D, mwieled fis-7 ta' Dicembru 2003 u G E B D, mwieled fl-17 ta' Settembru 2007, esklussivament lill-ommhom P D E;*

*2. Minghajr pregudizzju u mhux subordinatament ghall-ewwel talba tiffissa retta mensili ta' manteniment xierqa ghal ghixien bazilari taz-zewg minuri F E B D u G E B D, pagabbli minn missierhom A B;*

*3. Minghajr pregudizzju u mhux subordinatament ghall-ewwel talba, tordna lil missierhom A B sabiex iħallas ir-retta mensili stabbilita minn din l- Onorabbli Qorti ai termini tat-tieni talba, bil-quddiem kull erba Imghat u dan sakemm jilhqu rispettivament l-eta magguri jew sakemm jibqaw rispettivament jattendu istituzzjoni edukattiva, skont liema tiI l-ahhar jew sa eta massima ta' 23 sena;*

*4. Minghajr pregudizzju u mhux subordinatament ghall-ewwel talba, tordna lill-missierhom A B sabiex ihallas, f'mod puntwali, nofs il-mizati li talvolta jkunu dovuti lill-istituzzjoni edukattiva li fiha jkunu jattendu uliedu*

*F E B D u G E B D rispettivament u dan sakemm dawn jibqaw jattendu rispettivament istituzzjoni edukattiva jew sa eta massima ta' 23 sena;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri kollha relatati mall-prezenti proceduri, u ta' kwalsiasi proceduri ulterjuri kontra l-attur rikonevenzjonat li huwa minn issa ngunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta rikonvenjenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenut[6] għall-kontro talba tal-konvenuta rikonvenjenti:

*Illi t-talbiet kollha tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu michuda għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi preliminarjament, l-esponenti jirrileva li huwa kellhu relazzjoni mal-attrici rikonvenzjonata, minn liema relazzjoni twieldu żewġt ulied minuri, G u F. Illi l-esponenti jirrileva li huwa qatt ma abbanduna lill-attrici rikonvenzjonata u lill-uliedu, iżda kien hemm ftehim li hu jmur jgħix f'residenza separata fil-Baħrija, b'aċċess liberu għall-attrici rikonvenzjata u għall-minuri, liema stat ta' fatt baqa jippersisti wara li r-relazzjoni tagħhom intemmet. Illi għall-kuntrarju kienet l-attrici rikonvenzjata li ma laqgħetx lill-esponenti f'daru u dan anke meta kienu għadom f'relazzjoni;*

*2. Illi fit-tieni lok, a kuntrarju ta' dak allegat mill-attrici rikonvenzjonata, l-art agrikola ġewwa l-Baħrija hija waħda miżmuma tajjeb ħafna, tant li ġiet rikonuxxuta minn ħafna entitajiet filwaqt li l-esponenti saħansitra rebaħ l-environmental sustainability award għall-din l-istess art;*

*3. Illi lanqas ma hu minnu li t-tfal kienu jkunu mIeghla jaghmlu affarijiet bħal dawk allegati mill-attrici rikonvenzjonata, liema affarijiet qed joħolqu biża kbira lill-minuri. Illi filfatt ic-Child PsycholoIst Luisa Eminyan, liema psikologa tqabdet mill-partijiet konġuntivament, kienet ikkonkludiet li l-probabli raġuni għala tfal qed jirrifjutaw li jaraw lill-missierom huwa konsegwenza tal-fatt li jaraw ir-rejazzjoni tal-attrici rikonvenzjonata fil-*

[6] Fol. 77.

*konfront tal-esponenti u mhux minħabba li għandhom xi forma ta' biża għall-missieron;*

*4. Illi fit-tielet lok, lanqas huwa minnu li l-esponenti kien sporadikament jara lill-uliedu. Illi tajjeb li jingħad, li l-attrici rikonvenzjonata dejjem ikkontrollat ir-relazzjoni tal-esponenti ma uliedu u kienet filfatt tinsisti li tkun preżenti f'kull laqa li kien ikollom. Illi qabel ma l-partijiet kellhom argument, u cioe' f'Marzu tat-2016, l-esponenti kien regolarment jara lill-uliedu ġewwa d-dar tan-nanniet paterni u b'hekk il-minuri kellhom relazzjoni tajba kemm ma' missierom kif ukoll mal-familjari tiegħu;*

*8. Illi l-verita' hija, kif jidher car mir-rapport tal-psikologa Luisa Eminyan li t-tfal jinsabu aljenti minn missierom u qed jimxu fuq il-passi ta' ommhom, li iddeċidiet li taqta' kull kuntatt minn mal-esponenti. Illi huwa l-aġir tal-attrici rikonvenzjonata li kkawżat din il-kwistjoni odjerna, b'konsegwenza serja għall-minuri. Illi għalhekk ma hemmx raġunijiet serji għala l-esponenti ma għandux ikollu l-kura u kusodja ta' uliedu;*

*5. Illi fir-rigward tal-miżata tal-iskola privata, l-partijiet dejjem kellhom il-ftehim li din titħallas minn missier l-attrici rikonvenzjonata. Illi kif ingħad fir-risposta tal-esponenti datata 18 ta' Jannar, 2017, huwa kien għamel diversi tentattivi biex jikkuntatja lill-attrici rikonvenzjonata ħalli jirregolaw is-sitwazzjoni odjerna u wara inadempjenza tagħha li tikkopera miegħu, huwa kien ha l-inizjativa li jagħmel l-arrangamenti neċessarji mal-iskola. Illi għalhekk diga hemm ftehim preżenti biex l-mizata titħallas b'mod ugwali bejn iż-żewġ partijiet;*

*6. Illi fir-rigward tal-manteniment, l-esponenti dejjem kien konsistenti fil-pagamenti tiegħu, kif ser jiġi ppruvat fit-tratazzjoni ta' din il-kawża. Illi minn Lulju, 2016, l-attrici rikonvenzjonata għażlet li taqta kwalunkwe forma ta' komunika mal-esponenti, minkejja l-insistenza tiegħu. Illi huwa kien għalhekk kostrett li jiftaħ żewġt kontijiet bankarji għaż-żewġt minuri fejn beda jiddepozita l-manteniment u l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni;*

*Għaldaqstant, it-talbiet kollha tal-esponenti għandhom jiġu michuda fl-intier tagħhom.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur rikonvenut;

Rat id-digriet tat-23 ta' Awwissu 2016[7] fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-Liġi;

Rat id-digriet tal-1 ta' Frar 2017[8] fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta biex l-atti tal-medjazzjoni jiġu allegati mal-proċess ta' din il-kawża;

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 2017[9] f'liema seduta l-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala assistent ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi f'din il-kawża u l-verbal tat-30 ta' Mejju 2023[10] f'liema seduta l-Qorti irrevokat l-inkarigu ta' Dr Critien *stante* li din ġiet elevata għall-maġistratura u ssostitwietha b'Dr Marita Pace Dimech bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha u r-rapporti kollha tal-professjonisti involuti fil-każ odjern;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva voce*;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[11]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuta;[12]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[13]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[7] Fol. 7.
[8] Fol. 71.
[9] Fol. 74.
[10] Fol. 959.
[11] Fol. 985.
[12] Fol. 997.
[13] Verbal tal-20 ta' Ġunju 2024 a fol. 984.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-kura u kustodja taż-żewġ ulied F u G E B D tibqa' konġunta bejnu u bejn il-konvenuta omm u sabiex il-Qorti takkorda aċċess adegwat favur l-attur.

Il-konvenuta minn naħa tagħha toġġezzjona bil-qawwa għat-talbiet tal-attur u titlob lil Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tiegħu, filwaqt li tippreżenta kontro-talba li fiha titlob lil Qorti sabiex:

1. Takkordalha l-kura u kustodja tal-ulied F u G E B D;
2. Tiffissa retta alimentari mensili għall-għajxien tagħhom, pagabbli mill-attur missier;
3. Tordna li tali manteniment għandu jingħata kull erba' (4) ġimgħat sal-età maġġorenni u jekk jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full time* sakemm jibqgħu jistudjaw b'dan il-mod sa l-età massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena;
4. Tordna li l-attur iħallas, b'mod puntwali, nofs il-miżati tal-iskola li jattendu l-ulied sakemm dawn jibqgħu jattendu skola sa l-età massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena;

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

Il-Qorti tirreleva illi din il-kawża, fejn fiha l-partijiet preżentaw numru kbir ta' xhieda, dokumenti u affidavits, u għamlu numru ta' kontro-eżamijiet sabiex jippruvaw il-kawża tagħhom kontra xulxin, tawlet is-snin tant li issa wlied il-partijiet, li fuq kollox dwarhom tirrispekja l-kawża odjerna, laħqu kibru. F laħaq l-età maġġorenni u fil-fatt għandu wieħed u għoxrin (21) sena u G issa għandu sbatax-il (17) sena u fi ftit xhur ikun tal-età maġġorenni.

Il-Qorti għandha l-poter illi tordna dwar il-kura u kustodja ta' minuri sal-età li dawn jagħlqu l-età maġġorenni li lokalment hija l-età ta' tmintax-il (18) sena u għalhekk filwaqt li Qorti issa ser ikollha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura u kustodja u aċċess

tat-tifel F, il-Qorti trid tiddeċiedi dwar l-istess fil-konfront tat-tifel G, iżda dan fl-isfond li huwa wkoll huwa prattikament maġġorenni.

L-istess jingħad dwar il-manteniment, salv għal fatt illi l-Liġi Maltija tagħti d-dritt illi l-ulied jibqgħu jirċievu manteniment sal-età massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena f'każ li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time*.

F'dan l-isfond il-Qorti sejra tagħmel riassunt tal-provi miġjuba mill-partijiet.

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

*L-attur jixhed permezz ta' affidavit preżentat fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019*[14], li fih jagħti l-verżjoni tiegħu tar-relazzjoni li kellu mal-konvenuta li jgħid li damet tlettax-il (13) sena, kif ukoll jiddeskrivi r-relazzjoni tiegħu mat-tfal. Jgħid li l-omm kienet minn dejjem *over-protective* mat-tifel F li twieled fl-2003. Meta t-tifel kellu sentejn (2) jgħid li marru l-Isle of Man għax ried jagħmel kors ta' Permakultura u jgħid li l-konvenuta kienet interessata u marret miegħu u mat-tifel, iżda li ftit wara hija niżlet Malta bit-tifel u hu baqa' jsegwi kors hemm u jaħdem *part time*. Il-konvenuta kienet titla' spiss u tqatta' xahar hemm sakemm imbagħad il-konvenuta reġgħet inqabdet tqila u għalhekk l-attur jgħid li ddeċieda li jinżel Malta biex ikun mal-familja. G fil-fatt twieled f'Settembru 2007.

Jgħid li hu minn dejjem kien jgħid li ried jgħix f'ambjent naturali u kien għalhekk li fl-2009 iddeċieda li jmur jgħix waħdu. Jgħid li għamel hekk b'intenzjoni ta' missjoni ta' Permakultura; stil ta' ħajja ta' kif wieħed jgħix iktar b'mod responsabbli u sostenibbli man-natura, waqt li jnaqqas l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi. Jispjega l-proġetti li ħarġu minn din l-art. Jgħid li l-konvenuta u wliedu setgħu marru hemm bil-libertà kollha. Jgħid li hu qatt ma ġiegħlhom jaħdmu fl-għalqa iżda t-tfal kienu jieħdu gost imorru l-għalqa, jirkbu r-roti, jiġru u kien hemm diversi annimali u kienu jqattgħu l-ħin magħhom. Jgħid li l-konvenuta kienet tmur hemm fil-*weekends* u matul il-ġimgħa kien iċemplilhom sikwit. Jirrakkonta kif kienu jqattgħu ħinijiet huma l-erbgħa jitgħallmu kif jimmeditaw u jgħid li l-konvenuta kienet tipparteċipa, għalkemm ta' tfal li huma s-subien kienu jixbgħu wara ftit, huma ma kienux jiddejqu. Jiċħad l-allegazzjonijiet dwar

[14] Fol. 287.

ir-ritwali li l-konvenuta tgħid li kienu jsiru u jispjega l-prattiċi li jsegwi hu bażikament għall-meditazzjoni li tissejjaħ *Agnihotra*. Jgħid li l-konvenuta wkoll kienet temmen f'dawn l-affarijiet u kienet anke tkellem lill Prabhu Darmayasa, il-*meditation teacher* li kien jiġi minn Bali. Jgħid li issa l-konvenuta qed tpinġi stampa ta' prattika li ma temminx fiha. Jispjega li min-naħa tiegħu kien jipprova jgħallem lit-tfal kif jarmaw tinda, jqabbdu n-nar, jorbtu ħbula u anke dwar l-etika tal-Permakultura u anke *surfing*. Jgħid iżda li kienu jagħmlu wkoll affarijiet oħra li wieħed jagħmel normalment mat-tfal u *ċioé* li jmorru ċinema, restaurants *etc*.

Jiċħad li kien jikkultiva u juża' droga fuq il-farm tant li jgħid li anke sab Pulizija ta' kontra d-droga fuq il-farm li għamlu tfittxija estensiva u ma sabu xejn. Jiċħad ukoll preżenza ta' diversi nisa fuq il-farm iżda jgħid li hu persuna soċjali u l-farm jattira ħafna nies li japprezzaw stil ta' ħajja sana. Jiċħad li qatt espona lit-tfal għall-ħajja privata tiegħu meta ma baqax mal-konvenuta. Jgħid li hu kemm il-darba qal lill-konvenuta biex iwaqqfu r-relazzjoni ta' bejniethom iżda dan qatt ma qalu quddiem it-tfal u l-konvenuta qatt ma kienet tkun trid u kienet titfa' *tantrum*. Jgħid li mbagħad il-konvenuta marret tgħix Ħal Lija iżda ma kinitx tkun tridu jmur hemm. Jgħid li r-relazzjoni ntemmet fl-2015 jiġifieri meta F kellu tnax-il (12) sena u G tmien (8) snin.

Jispejga li meta l-partijiet waqfu r-relazzjoni tagħhom, beda jara lit-tfal meta l-konvenuta kienet teħodhom il-farm ftit fil-*weekend* u nhar ta' Erbgħa kienu jiltaqgħu għand ommu u hi kienet dejjem tibqa' preżenti hemm. Jgħid li t-tfal kienu jkunu kuntenti għand ommu. Jgħid li għalkemm kien jinsisti mal-konvenuta hija qatt ma aċċettat li t-tfal ikunu miegħu mingħajr ma tkun hemm hi u għalhekk jgħid li kien iħoss li qatt ma jista' jkun missier parteċipant b'mod xieraq u indipendenti ma' wliedu. Jgħid li lanqas kien ikun jista' jikkorreġihom għaliex hi ma kinitx tappoġjah meta jagħmel dan. Jiċħad li qatt immaltratta lil uliedu, anzi jgħid li fetaħ din il-kawża għaliex għandu ħafna għal qalbu l-interessi tagħhom.

Dwar l-ivjaġġar jgħid li kienet ix-xewqa anke tal-konvenuta li ssiefer fit-tul. Jgħid li fl-2011 mar xahar Bali biex jipprattika l-meditazzjoni ġewwa ċ-ċentru (Ashram) u li matul daż-żmien żamm komunikazzjoni regolari mal-

konvenuta. Fl-2016 jgħid li reġa' tela erba' (4) ġimgħat Bali sabiex jerġa' jipprattika l-meditazzjoni b'mod aktar profond u l-isport tas-*surfing*.

Jispjega li kien hemm argument dwar il-passaporti tat-tfal li sar quddiem it-tfal, għand ommu, fiż-żmien meta l-konvenuta diġà kienet f'relazzjoni oħra. Jgħid li hu baqa' kalm filwaqt li l-konvenuta bdiet tgħajjat u tinsulentah. Jgħid li hu assigura lit-tfal li kulħadd jirrabja kultant u segwa lit-tfal sal-karozza u minn dakinhar huwa ma reġax ra lit-tfal b'mod volontarju. Hija qaltlu li għalissa ddeċidiet li hu ma jarahomx sakemm tissolva l-problema ta' komunikazzjoni bejniethom. Jippreżenta għadd ta' messaġġi li għaddew bejn il-partijiet u t-tfal f'dak iż-żmien. Jgħid li t-tfal bdew jirrifjutaw huma stess li jkellmuh minn hemmhekk. Jgħid li hu qabel mal-konvenuta li t-tfal jibdew jaraw *pyschotherapist* u fil-fatt il-konvenuta semmiet lil Luisa Eminyan u hu aċċetta.

In kontro-eżami, fis-seduta tat-28 ta' April 2021[15] huwa jikkonferma li kien ilu għal xi xhur jgħix il-Portugall fejn hemm qiegħed jiżviluppa Proġett ta' Permakultura.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur jiproduċi s-segwenti xiehda:

*Xhieda ta' S B ossia omm l-attur permezz ta' affidavit ppreżentat fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019*[16] li tikkorabora l-verżjoni ta' binha u tirrakkonta kif meta F kien tarbija, kemm meta kienu joqgħodu l-Mellieħa u anke Ħal Balzan tiftakar li l-partijiet kienu ferħanin u r-relazzjoni mat-tfal kienet waħda sabiħa għalkemm il-konvenuta qatt ma kienet tħalli lit-tfal weħedhom magħha jew ma' missierhom. Tgħid li tiftakar lit-tfal ferħanin jilgħabu Xa bil-ballun jew bl-iskateboard u anke fuq il-farm. Meta l-partijiet kienu għadhom flimkien, tgħid li tifkatar li l-konvenuta kienet tgħidilha, u anke lil familjari oħra, kontra l-attur u kienet twissiha biex jekk ma jibqgħux flimkien ma jippruvawx jiġġieldu għat-tfal. Tgħid li minn mindu ġġieldu dwar xi karti d-dar tagħha, minn naħa tagħha lit-tfal qatt ma reġgħet rathom.

[15] Fol. 501.
[16] Fol. 343.

*Xhieda ta' T B ossia missier l-attur permezz ta' affidavit preżentat fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019*[17] li jikkorrobora l-verżjoni ta' martu u jgħid li kien iħoss li l-konvenuta ma wrietx fiduċja fihom meta ma kinitx tafda lit-tfal magħhom weħedhom u saħansitra meta kien ikellem lit-tfal, dawn kienu jħarsu lejn ommhom qabel jirrispondu. Jgħid li meta spiċċat ir-relazzjoni tagħhom u l-konvenut kellu *partner* oħra kienet tkun għassa tiegħu fejn sejjer u tgħaddi kummenti dwar dan quddiem it-tfal.

*Xhieda ta' U B ossia ħu l-attur permezz ta' affidavit preżentat fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019*[18] li jikkorrobora l-verżjoni tal-bqija tal-familjari u jsemmi ż-żmien fejn it-tfal kienu jkunu "*eager biex imorru surfing jew biex imorru l-baħar ma ħija u kienu iħobbu iqattgħu l-ħin ma missierom".*

*Xhieda ta' Stephen Briffa, Head of Senior School ta' San Andrea li jixhed fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017*[19] u jgħid li l-attendenza tal-minuri F l-iskola ma kinitx waħda regolari u l-*performance* akkademika kienet qed tiġi affetwata iżda qatt ma kien hemm problemi ta' *behaviour*;

*Xhieda ta' Dorothy Lapira, Head Early – Middle School ta' San Andrea li tixhed fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017*[20] u tgħid li l-minuri G ma kienx jattendi skola b'mod regolari u fl-iskola ma kienx imur tajjeb. Tgħid li applikawlu biex ikollu LSA però għalkemm lill-ġenituri tawhom il-formola relattiva f'Jannar 2015 għal xi raġuni l-minuri baqa' mingħajr LSA. Tixhed li t-tifel ibati minn *anxiety* u huwa "*a very good boy*".

*Xhieda tal-ħaddiema soċjali mill-Aġenzija Appoġġ li jixhdu fis-seduta tas-16 ta' April 2017*[21] u jgħidu li l-aċċess mal-missier kien qed isir b'superviżjoni u minħabba li t-tfal ma kienux ikunu jridu joħorġu mill-karozza l-aċċess kien qed isir fil-karozza u l-omm kienet titlaq. It-tfal kienu reżistenti ħafna u ġieli anke sakkru l-karozza biex ma jsirx l-aċċess. Il-missier quddiemhom kien jibqa' kalm minkejja l-fatt li t-tfal kienu jirreżistuh, ma jikkomunikawx miegħu u anke jkunu aggressivi,

[17] Fol. 345.
[18] Fol. 346.
[19] Fol. 203.
[20] Fol. 203.
[21] Fol. 223.

speċjalment il-minuri G.  Il-minuri G kien anke aggressiv mal-ħaddiema soċjali tant li darba anke waddbilhom flixkun ilma.

*Xhieda ta' Louisa Eminyan fis-seduta tad-19 ta Ġunju 2018*[22] wara r-rapport li hija ppreżentat fil-kawża.  Hija tgħid li kienet l-omm li talbitha tagħmel ir-rapport iżda li l-missier dejjem ikkopera u mar għall-appuntamenti.  Hija ssemmi l-istess punti li tikteb dwarhom fir-rapport tagħha.

*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mressqa Minnha:*

*Il-konvenuta tippreżenta l-affidavit tagħha permezz ta' Nota tat-23 ta' Marzu 2022*[23] fejn tidħol fid-dettal f'kull sena mis-sena li hija ltaqgħet mal-attur fl-1999.  Tgħid li wara li ltaqgħu fl-1999, bdew joħorġu flimkien fl-2002 meta hu kien joqgħod f'biċċa mill-garaxx tal-ġenituri tiegħu li kien biddel f'residenza għalih.  Tgħid li wara li taha x'tifhem li ried li jkollhom tarbija flimkien, hija kienet ħarġet tqila f'April 2003, jiġifieri sena wara li bdew ir-relazzjoni tagħhom, u l-attur qalilha kjarament li hu ma riedx li t-tqala tkompli.  Tirrakkonta kif għamel minn kollox biex jikkonvinċiha sabiex tagħmel abort.  Tgħid li saħansitra għamel appuntament ma' klinika Londra fejn irranġalha biex titla' ma' oħtu ħalli tagħmel abort.  Hija kienet telgħet, iżda wara li talbet l-għajnuna ta' ħbieb tal-familja iddeċidiet li żżomm it-tarbija.

Tgħid li hija mxiet mir-residenza f'Ħal Lija fejn kienet toqgħod ma' ħuha u marret tgħix Ħal Balzan.  L-attur mar jgħix magħha mill-garaxx tal-Mellieħa imma tgħid li kien jgħid li kien iħossu "*a bird trapped insiMa cage".* hemmhekk.  Il-konvenuta kellha tmien (8) xhur tqala.  Tgħid li l-attur ħa waħda mit-tliet kmamar tas-sodda għalih biex skond hu, ta' lanqas ipatti li kellu jitlaq mill-Mellieħa u kellha bżonn il-permess tiegħu biex tidħol fiha.

Tirrakkonta inċidenti ma' omm l-attur minn meta twieled F għaliex tgħid li omm l-attur riedet tkun l-ewwel waħda li tara lin-neputi jitwieled u minn hemm bdew ħafna argumenti anke fuq il-fatt li kellhom tarbija meta ma

[22] Fol. 237.
[23] Fol. 564.

kienux miżżewwġin.  Tirrakkonta li l-ewwel lejla lura d-dar bit-tifel l-attur ma qattagħhiex magħhom iżda mar isajjar u jiekol għand ħabiba tiegħu filwaqt li meta rritorna beda jsaqsi lill-konvenuta meta ser titlef il-piż biex jerġa' jkun attratt lejha sesswalment.  L-isem F kien magħżul mill-attur minħabba li dan kien iffissat fuq il-kantant Bob Marley u t-tnejn insistew li t-tifel jieħu l-kunjom tagħhom.  Tgħid li meta bdiet issuq bdiet tieħu lit-tifel għand il-familjari ta' l-attur, u dan kompliet tagħmlu anke meta l-attur kien imsiefer.

Tixhed dwar inċident fejn l-attur taha daqqa ta' ħarta meta kellha t-tifel fuqha u ma għamlitx rapport għaliex l-attur kien jgħidilha li hu u l-familja tiegħu għandhom ħafna kuntatti u jafu nies fl-awtorità li setgħu jeħdulha t-tifel.  Tgħid kif fl-2004 l-attur biddel ismu minn "V" għal "A" uffiċjalment u beda jgħid li hu "*Shaman, a Medicine Man*."  Tgħid li beda jiġbor l-eskrement tiegħu stess għaliex kien jgħidilha li huwa "*qaddis*" u jgħin fit-tkabbir tal-ħxejjex.  Beda jiekol ikel li kien jgħin li jitnaddaf bih u jipprattika l-*Agnihotra,* ritwal Indjan.  Dan kollu fil-flat ta' Ħal Balzan.

Tgħid li mbagħad iddeċieda li jagħmel Diploma fil-Permakultura, l-Isle of Man u peress li l-pjan kien li l-kors kien ta' għaxart (10) ijiem setgħu jitilgħu hi u t-tifel miegħu.  Huma marru miegħu u kienu joqħodu f'tinda u jinħaslu fid-dar tal-organizzatur.  L-attur imbagħad iddeċieda li jibqa' hemm u hi u F niżlu Malta wara erba' (4) xhur.  Tgħid li waqt li kien hemm beda jgħid li beda jħobb mara mis-South Africa li kienet toqgħod Franza mar-raġel tagħha, li miegħu kellha *open relationship* u l-attur mar iżurhom.  Tgħid li għamel xhur sħaħ jitlobha biex tibgħat lil F jgħix magħhom għal tliet (3) xhur sabiex it-tifla ta' din il-mara jkollha ħuha biex tieħu ħsieb.  Tgħid li kien jgħidilha li t-tifel mhux tagħha iżda tal-Univers u li għalhekk kulħadd jista' jieħu ħsiebu u kellha titgħallem "*to let him go.*" Tgħid li f'dan iż-żmien it-tifel kien għad kellu sena u nofs.

Meta mbagħad qalilha li m'għadux f'din ir-relazzjoni talabha tmur lura u telgħet bit-tifel u kienu jgħixu ġo truck.  Tippreżenta wkoll ritratti tal-istat tat-truck.  Tgħid li la kellhom ilma u kellhom biss toqba li kien ħaffer l-attur qrib it-truck fejn kienu jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom.  Biex jinħaslu kienu jmorru għand ħabib tiegħu.  Tgħid li talbet bil-ħniena lill-attur sabiex jikru post għax-xhur tax-xitwa iżda hu ma riedx jeħli flus fuq hekk.  Tgħid li t-

tifel marad sew bid-deni u l-attur ma riedx jeħodhom l-isptar sakemm it-tifel sar letarġiku u qas seta' jimxi sew u l-konvenuta beżgħet li kien qed imut. Meta t-tabib ġewwa l-InIlterra stess, tahom l-antibijotiċi l-attur lanqas ried jagħtihomlu għaliex kien kontra li wieħed ifejjaq lilu nnifsu b'dan il-mod iżda hi tathomlu xorta u hu baqa' jgħid li t-tifel fieq għax kien talab fuqu. Hija kellha tħallas il-kont kollu tal-isptar għaliex hu ma kienx jaqbel li jeħduh l-isptar.

Wara dan tixhed kif niżlet Malta u komplew iżuruh skond meta kien ifettillu hu li jridhom imorru. Issemmi inċidenti strambi bħal meta telgħet ħdejh bit-tifel meta dan kellu sentejn u nofs u mill-ajruport l-attur ħadulha minn idejha u ħalliha hemm u wara li t-tifel qagħad jibki għaliex kien ilu xhur ma jara lil missieru, mar jerġa' jiġborha mill-ajruport. Tixhed imbagħad dwar esperjenza li ħadhom fiha l-attur ġewwa Wales fejn tidħol fid-dettall dwar ritwali u ċerimonji li ġew esposti għalihom hi u t-tifel. F'dawn il-jiem kienu qed joqgħodu ġo tined. Tgħid kif f'dawk il-jiem rat lill-attur ibus u jkollu relazzjonijiet sesswali ma' diversi nisa' u tixhed dwar it-tip ta' ritwali li rat.

Tgħid li reġgħu mbagħad niżlu Malta iżda f'waħda miż-żjarat li reġgħet għamlet ġewwa l-Isle of Man fejn tgħid li l-attur għamel sitt (6) ġimgħat fi stat amoruż kienet reġgħet inqabdet tqila. L-attur reġa' kellu reazzjoni negattiva għal dan u riedha tieħu l-*morning after pill*. Wara li qaltlu li riedet iżżomm it-tarbija huwa qalilha li kien reġa' lura mal-mara Franċiża u li kien sejjer iqatta' l-weekend għandha. Niżlu Malta u l-attur qata' l-kuntatt għal xhur sħaħ.

Tgħid li f'Ġunju 2007 meta kellha sitt (6) xhur tqala bit-tifel iż-żgħir, sabitu wara l-bieb u qalilha li ma għadux mal-mara Franċiża u li kien kollu tagħha issa. Beda jaħdem bħala *backstage crew* u fuq l-art tal-familja tiegħu fil-Baħrija. Meta welldet lil G imbagħad, huma u sejrin lura d-dar mill-Isptar hu ħalliha biż-żewġt itfal fil-karozza jistennewh Baħar ic-Cagħaq sakemm mar *surfing*.

Tgħid li beda jagħmel ġranet sħaħ Xa u qalilha li ma riedx jibni relazzjoni ma' wliedu għaliex hu kien kontra li żżommhom u ma tagħmilx abort. Tirrakkonta wkoll dwar l-argumenti li kellhom, anke l-attur mal-familja tiegħu għaliex ma riedx idaħħal lit-tifel il-kbir l-iskola għaliex kien jgħid li

"'*the government trained these venues to make everyone sheep and not question the Matrix and Reality. A insisted that 'he would teach F all he needed about farming as that was the only survival tool F needed'*" Tgħid li talbet l-għajnuna tal-ġenituri tiegħu u kienet ommu li ppruvat kemm setgħet biex tikkonvinċieh li t-tifel kellu bżonn li jmur l-iskola għall-ġid tiegħu u ommu nsistiet li jibgħatu lit-tifel skola privata u fil-fatt il-konvenuta weħedha rreġistratu hemm. Filfatt tgħid li kien biss wara tmien (8) snin li l-attur beda jaqsam il-kontijiet tal-iskola magħha.

Tirrakkonta għadd ta' inċidenti li kienu jsiru fil-flat quddiem it-tfal u kif il-flat kien sar *pit stop* biex l-attur imur iqatta' xi siegħat hemm u jdaħħal lil min ried u biex hu u sħabu jagħmlu meetings hemm. Tgħid li beda jieħu wkoll tfajla Taljana li magħha kellu ħafna kunfidenza. Beda jmexxi diversi proġetti u jagħmel anke sessjonijiet ta' meditazzjoni u ritwali fil-flat. Dan sakemm beda jipprattika l-irwol tiegħu ta' Shaman, "*an enlightened being, a healer and a farmer on his parent's land up in Bahrija.*" Rari beda jkun id-dar u beda jiżviluppa l-art tal-Baħrija u għamilha tiegħu. L-attur beda joqgħod hemm u bejn l-2008 u l-2015 hi kienet tmur bit-tfal biex jaraw lill-attur. Tgħid li l-attur dejjem kien ikollu l-ħbieb joqgħodu miegħu fuq il-farm u flimkien ma' sħabu kien bena kamra li kien isejħilha l-*man-cave* fejn ridt permess biex tidħol. Il-konvenuta tippreżenta ritratti ta' din l-area. L-attur ma kienx ħaseb biex jadatta post għat-tfal. L-attur kien iddeċieda li jmur joqgħod il-Baħrija fl-24 ta' Ġunju 2008, f'għeluq snin il-konvenuta wara li qatta lejl ikun intimu magħha tant li hi kienet xxukjata meta l-għada qalilha li ser jitlaq. Huwa kien imur il-flat meta jfettillu biex juża' l-kamra tal-banju, jieħu ikel u jħalli l-ħwejjeġ maħmuġin u kemm jgħid "*hi u bye*" lit-tfal. Tgħid li ġieli kien imur f'nofs ta' lejl u jitlobha tkun intima miegħu.

Tixhed ukoll dwar kif kien jużaha, jikkmandaha u bi vjolenza u theddid quddiem it-tfal, jordnalha x'kellha tagħmel biex tgħinu fil-pjanijiet tiegħu sabiex iġib fondi għall-proġetti li kellu. Issemmi l-inċidenti li nqalgħu quddiem it-tfal marbutin ma' flus li huwa trasferixxa fil-kont tagħha biex ma jidhrux u kif kien vjolenti magħha bit-tfal iwerżqu biex jieqaf. Wara li użat xi flus mill-kont għall-bżonnijiet tad-dar u tat-tfal u spjegatlu għalfejn ma setgħetx tagħtihomlu lura huwa kien beda jitlobha favuri sesswali biex tpattilu.

Tgħid li l-attur beda jċempel mill-Baħrija fuq Skype u t-tifel il-kbir beda jirrifjuta li jkellmu. Beda mbagħad jitkellem dwar ħabiba tiegħu oħra li ltaqa' magħha u kienet "*his soulmate*", u din il-mara bdiet tgħidilha li hi għandha tħalli lit-tfal magħha u ma' missierhom sabiex irabbuhom huma l-Baħrija. Beda mbagħad imur għandha d-dar jinsisti li għandu jieħu lit-tfal u dan ġara xi tliet darbiet meta l-kbir kellu ħames (5) snin u ż-żgħir kważi sentejn (2). Tgħid li kull darba li kien ikollu *crush* fuq xi tfajla kien jispiċċa influenzat ħafna minn dik il-persuna u l-ideat tagħha, b'mod li kien jiġi affetwat u jaffetwa lill-familja kollha. Fuq il-farm beda jkollu minn kull tip ta' nies li kienu jkunu hemm regolarment u oħrajn li kienu jikkampjaw hemm mingħajr ħlas u sadanittant jordnalhom x'għandu jagħmlulu.

Tgħid li hu kien jingħata donazzjonijiet min-nies speċjalment Xanin li, kienu jmorru jaraw l-*Baħrija Oasis Farm* li kien isem li ta lill-istess farm, iżda biex kien jipprovdi għaliha u għat-tfal kellha tittallab mingħandu u taċċetta li tagħmillu favuri sesswali biex imbagħad jiddeċiedi hu kemm u meta għandu jagħtiha ftit flus. Tixhed dwar iż-żmien li t-tifel il-kbir żviluppatlu l-*Purpura,* kundizzjoni fil-ġilda li tista' tiżviluppa anke infertilità u problemi fil-kliewi. Hija tgħid kif l-attur dejjem irrifjuta li jattendi magħha għand tobba u l-attur baqa' jgħid li dak li kellu t-tifel fil-ġilda kien biss gdim tal-insetti u li jekk jitlob fuq it-tifel dan ifieq. Il-konvenuta kellha tattendi l-appuntament tal-*biopsy* ma' ħabiba tagħha għaliex l-attur irrifjuta għal kollox li jattendi u saħansitra wissiha milli tieħu lit-tifel għand it-tobba. Tant tambrilha kontra s-sistema u li lit-tifel iktar qed tagħmillu ħsara billi tieħdu għand dawn it-tobba li bdiet tiddubita hix qed tagħmel l-aħjar lit-tifel billi tieħdu l-isptar u għand it-tobba. Tgħid li kienet stressjata ħafna u mbeżża'. Sadanittant it-tifel kien marid ħafna u l-attur baqa' jinsisti kontra l-*mainstream medicine.* Minflok kien jgħaddi kultant il-flat tagħhom u juża *Agnighotra Ashes* magħmula minn "*dried cow faeces which A got from Maltese farmers, newspapers, vegetable oil and rawstore-bought rice burnt in a dire in his copper bowl until it turned into an ash substance"* fuq it-tifel filwaqt li t-tifel kien jitolbu jieqaf għaliex dan kien jaħarqu fuq il-ġilda. Kien iġiegħlu wkoll jixrob irmied imħallat mal-ilma u jgħidlu li dak fih *malc powers.* Lil F kien iżommu bil-forza biex jagħmel dan. Dawn l-atti li ssejħilhom atroċi seħħew fl-2010 meta t-tifel kellu seba' (7) snin u t-tifel beda jgħid li jobgħod lil missieru u jixtiequ mejjet.

Tgħid li l-attur kien jgħidilha "*So F dies, so? We all die P. If death occurs to F or G, it will be in God's hands. Remember Deb, you were only a vessel to transport children, they are not ours. These children are not ours. They belong to the Universe and Universe has its own plan for each of them.*" Il-konvenuta spiċċat irraportat lit-tabib dak li kien qed jagħmel l-attur li minn naħa tiegħu rrabja ħafna għal dan u l-infezzjoni tawwlet tliet (3) snin.

Tixhed ukoll dwar esperjenzi li kellhom jgħaddu minnhom hi u t-tfal meta l-attur beda jiffrekwenta *Russian Doctor* u kien jeħodhom bil-fors għandha fejn din flimkien ma' l-attur kienet tagħmel ċerti ritwali. Fl-ewwel tas-sena kien saq lill-konvenuta u lit-tfal għandha u wissiha biex tidħol bit-tfal għalkemm it-tifel beda jirreżisti. Dakinhar kien hemm għadd ta' nisa jitolbu lill-attur sabiex iberikhom u jitrattawh bħalikieku kien *Almighty presence.* It-tfal bdew jibku biex jitilqu għaliex twerwru man-nies li kien hemm u l-affarijiet li kienu qed jagħmlu iżda l-attur u r-*Russian Doctor* bdew jgħidulha kemm huma diżappuntati fiha. Kien hemm madwar ħamsin (50) mara jagħmlu dawn ir-riti.

Ftit ta' żmien wara mbagħad iffissa li l-konvenuta u t-tfal jiltaqgħu ma' *Balinese H* u beda jattendi ħafna ritwali tiegħu u beda jitkellem fuqu bħala Salvatur. Meta dan telaq lura Bali, s-sitwazzjoni ġiet agħar għax beda jirreferi għalih innifsu bħala wieħed mit-tliet magħżulin biex iwassal lill-Malta għad-dawl u beda jgħid li G, li dak iż-żmien kellu tliet (3) snin kien wkoll il-magħżul u kien jgħid b'dan lil F. Spiċċa jpoġġi ritratti, speċjalment tat-tifel G fuq is-social media biex jatratta udjenza ikbar fuq Facebook Platform Sites differenti u l-konvenuta tippreżenta xi wħud minn dawn ir-ritratti. Tgħid li qalilha li hi ma tifhimx fil-business tiegħu u li kienu qed itellaw dawn ir-ritratti biex juru minn kien se jkun "*the next H.*"

Il-konvenuta tkompli tirrakkonta għadd ta' tratti li baqa' għaddej jagħmel l-attur filwaqt li tgħid li baqa' jmur il-flat meta jrid jitterrorizzahom bl-aġir tiegħu tant li meta l-kbir kellu tmien (8) snin qalilha li ma jridx lil missieru jmur iktar għandhom u li hu jobgħodu u jixtiequ mejjet.

Tixhed mbagħad dwar meta l-attur mar Bali biex jiltaqa' mal-*Ispiritual Leader* Prabhu Darmayasa u l-ajruport rat li kien sejjer ma' waħda li bisitu

fuq xuftejh quddiem uliedu.  Minn hemm ċemplilha fis-2am għax ried ikellem lil G u jgħidlu li ried jieħdu Bali biex jgħix mal-*Ispiritual Leader*. Meta ġie lura kien ferħan se jtir u qal li *he was baptised by his Spiritual teacher and the Master as 'A Zen H I'".*  Huwa sammarha mal-ħajt u qabadha minn xahra u insista li hi u t-tfal imorru joqgħodu miegħu l-Baħrija.  It-tfal bdew jibku u jitolbuh iħalliha.  Tgħid li beda jinsisti li jibdew imorru l-Baħrija kull nhar ta' Sibt għax beda jħossu waħdu hemm u lit-tifel ġiegħlu jwaqqaf il-football li kien jattendi nhar ta' Sibt u anke kull party li jaqa' fil-weekends.  F ħadha bi kbira ħafna tant li bdew iċemplulha ommijiet jgħidulha li t-tifel qed jgħid li jobgħod lil missieru.  Tgħid li bdiet tħoss li "*I had failed my sons"* iżda li kienet tibża' wisq minn dak li kien jheddidha bih l-attur u *ċioé* li jeħdula t-tfal jekk ma teħodhomx jaraw lil missierhom.

Tgħid li kellhom jibdew iqattgħu ljieli l-Baħrija u kienu joqgħodu fuq saqqijiet ma' l-art filwaqt li t-toilet kien żewġt ibramel f'kaxxa tal-injam lil hinn mill 'kamra' tal-attur.  Dawn il-bramel kienu jattrattaw ħafna insetti u anke ġrieden u l-konvenuta kienet imwerwra min-nuqqas ta' iġene li kienu qed jiġu esposti għaliha hi u t-tfal.  L-elettriku kien ukoll limitat ħafna u għalhekk anke l-użu tal-internet ma kienx faċli u jiddependi mill-burdata li jkun fiha l-attur.  Fid-dlam kienu jinxtelu x-xemgħat.  L-attur kien jirrifjuta li japplika għad-dawl u ilma u li jkun parti mill-"*mainstream system"* kif kien isejjħilha hu.  Lanqas kellhom ilma sħun biex jinħaslu u hu kien jinsisti li ilma kiesaħ kien tajjeb għas-sistema immunitarja.

Dak iż-żmien beda jgħix il-Baħrija ġuvni ta' tmintax-il sena li kien jiġri għarwien fuq il-farm u hu u l-attur kienu jgħajjru lil F u G "*chickens"* għax dawn ma kienux ikunu jridu jiġru magħhom għarwenin fuq il-farm.  L-attur beda jieħu lil dan il-ġuvni kullimkien u dan il-ġuvni beda jgħidilha li hu l-għarus tiegħu.  Flimkien kienu dejjem jidħqu u "*they fed off each other's hyper energy."*  Din kienet ħaġa kurjuża għal raġel ta' tlieta u tletin (33) sena kif kien l-attur.  Dan kollu kien qed jiġri quddiem it-tfal.  Ftit ta' żmien wara mbagħad ingħaqdet mara ta' nazzjonalità Ungeriża fil-*love triangle* tagħhom u quddiem it-tfal l-attur qal lil dan il-ġuvni u lil din il-mara biex jiddeċiedu bejniethom min ser jorqod miegħu.  Sadanittant tgħid li baqa' dejjem imur għandha u jitlobha pjaċiri sesswali bil-lejl u jgħidilha li hi għandha tħossha furtunata li għandha lilu.  Tgħid li kważi kienet temmnu.

Għadda mbagħad minn żmien fejn ried li s-subien jgħajjtulu "*Hail Hail Spiritual Teacher"* u għaliex G irrifjuta, niżżlu f'kantina żewġ sulari l-isfel waqt li hi kienet qiegħda ssajjar u qallu joqgħod hemm sakemm jiddeċiedi li jgħajjatlu hekk. Tgħid li l-biki ta' G beda jinstema sew. Hi u F mbagħad tellgħu lil G meta l-attur aljena rasu ma' ħabib li mar ikellmu. It-tfal kienu mwerwrin u tgħid li marret mill-ewwel tagħmel rapport l-Għassa ta' Ħal Balzan iżda kienet magħluqa u mbagħad marret ta' B'Kara u ma sabitx fejn tipparkja. It-tfal bdew jibku biex imorru d-dar. Tgħid li kien ukoll diffiċli ħafna għaliha biex tispjega dawn l-affarijiet strambi lill-Pulizija.

Tgħid li mxew lura għal Ħal Lija meta l-familja tagħha kienu ser ibiegħu l-proprjetà ta' Ħal Balzan. Il-maisonette ta' Ħal Lija kienet fuq in-negozju tal-familja tagħha u mdawwra *b'cctv cameras* allura tgħid li ħassitha iktar protetta u qrib tal-familjari tagħha, filwaqt li t-tfal kienu kuntenti ħafna għaliex il-post kien ikbar u faċċata ta' ground tal-football. L-attur iżda irrabja qatiegħ li għamlet dan. Għalkemm ried ċavetta għall- proprjetà ta' Ħal Lija missierha irrifjuta li jagħtih kopja. Il-mara Ungeriża bdiet tintroduċi ruħha mat-tfal bħala *A's Irlfriend* u l-attur kien jidħaq u jgħid li għandu *harem*. Sadanittant il-ġuvni li kien jgħid li hu l-*boyfriend* tal-attur kien għadu fix-xena u l-attur kien jgħid lil F "*One day you can have more Irlfriends and more boyfriends than your daddy."* It-tifel il-kbir anke għamel nota l-iskola lil Santa fejn wera x-xewqa li missieru jmut ħalli jieqaf il-biża u l-inkwiet.

Tgħid li beda mbagħad jerġa' jiffissa li G huwa l-magħżul u li kellu jintbagħat Bali biex jgħix mal-*Ispirtual Leader* u jitgħallem kif isir H. Il-konvenuta tgħid li kellha kontinwament tipproteġi lit-tfal minnu għaliex ma kellux sens komun ta' missier. Tgħid li saħansitra ried li hi u wliedu jieħdu sehem fil-marċ sabiex tiġi legalizżata l-marjuwana. Tirrakkonta għadd ta' inċidenti oħra fejn l-attur werwer lit-tfal bl-aġir tiegħu fuq il-farm bir-riżultat li t-tfal u ommhom kienu f'biża kontinwa li missierhom ser iweġġagħhom b'xi mod jew jeħodhom minn magħha. Kien hemm drabi wkoll fejn fil-farm it-tfal kien ikollhom jorqdu ma' ommhom ma' l-art u missierhom jorqod mal-mara Ungeriża fis-sodda ħdejhom.

Tgħid li mbagħad beda jgħid li jrid jibgħat lit-tfal skola tal-knisja fejn ma jħallasx bħall-iskola privata li kienu jattendu. Qalilha li jrid jgħammidhom, kif filfatt għamlu, biex idaħħluhom MLa Salle College iżda mbagħad meta reġa' ġie l-*Ispiritual Teacher* tiegħu kkonvinċih li l-iskola li kienu jattendu *"was the best school in Malta for the children to reach higher vibration easily."* Tgħid ukoll li l-attur imbagħad beda jgħidilha li jrid li jagħti lill-mara Ungeriża wild, u l-mara bdiet tgħid lil F u lil G li se jsiru *brothers* u li huma u ommhom il-konvenuta, l-attur, hi u l-wild il-ġdid jibdew joqgħodu kollha flimkien fil-farm. Fl-istess istanza l-attur beda jgħannaq u jbus lill-konvenuta u l-mara Ungeriża rrabjat. Dan kollu beda jseħħ quddiem it-tfal. Wara dan l-inċident tgħid li qalet lill-attur li ma kinitx ser tieħu lit-tfal iktar hemm u sabiex jiltaqgħu x'imkien ieħor. Tgħid li beda jgħajjarha li għandha moħħha magħluq u li l-irġiel m'humiex monogami. Tgħid li heddidha li joqtolha u fakkarha li hu dejjem jirbaħ meta tipprova tilgħab logħba miegħu.

Tgħid li mbagħad il-mara Ungeriża telqet u għaddew żmien tajjeb fejn G u F kienu jieħdu gost jilgħabu ħdejn il-baħar u anke kienu jaraw films flimkien etc. L-attur f'dawn ix-xhur kien kalm u kien jgħidilhom li jħobbhom. Dan sakemm ġara inċident ieħor fejn reġa' beżża lit-tfal u ġiet tfajla oħra fuq il-farm, din id-darba ta' nazzjonalità Taljana u magħha kien ipejjep, jilgħab *strip poker* anke quddiem it-tfal u l-ossessjonijiet reġgħu bdew. L-aġir tagħha kien ta' waħda moħħ ir-riħ u kemm il-darba kienet toqgħod bi flokk minn ta' l-attur u ma tilbes xejn taħt filwaqt li tgħolli fl-flokk u tidħaq. Hu kien jaġixxi ta' tifel magħha u jidħaq meta l-konvenuta tiġbidlu l-attenzjoni għal dan l-aġir u t-tipjip quddiem it-tfal. Tgħid li anzi kien joffri lit-tfal sabiex ipejpu magħhom u kienet issib pakketti tat-tabak, *condoms*, bras etc jiġru 'l hawn u 'l hemm fejn setgħu jarawhom it-tfal u kienet tipprova tneħħihom biex ma jarawhomx. Ingħaqdet tfajla oħra Ingliża magħhom u l-attur kien jgħaddi l-ħin jiddieħeq magħhom. Meta iżda kienet tipprova żżomm lit-tfal il-bogħod hu kien iċemplilha u jinfexx jirrabja magħha u jheddidha li se jdaħħluha Monte Karmeli u jeħdulha t-tfal.

Meta ppruvat twaqqfu minn ċerta affarijiet tirrakkonta kif kien vjolenti magħha quddiem it-tfal. Tgħid kif uża wkoll lil G u niżżlu żewġ sulari fil-kantina u werwer lilu u lil ħuħ. It-Tnejn filgħodu meta l-attur ħallihom jitilqu mbagħad, G qal lil ommu li missieru jbeżżgħu ħafna u F qalilha li jobgħod

ħafna lil missieru. Tirrakonta kif fix-xhur ta' wara hi u t-tfal raw storja temerġi bejn żewġ tfajliet Ingliżi u l-mara Ungeriża li ġiet lura, fejn iż-żewġ Ingliżi warrbu lill-Ungeriża u l-attur beda jinkiha li hi xiħa. Tkompli tixhed fuq sitwazzjonijiet simili li ġraw fil-farm quddiem it-tfal fejn kienu anke jinstemgħu l-atti sesswali li kien ikollhom in-nies diversi li jkunu fil-farm. It-tfal kienu jistaqsu wkoll min għandu relazzjoni ma' min. Meta l-mara Ungeriża telqet wara ħafna argumenti u biki, l-attur beda jgħid lit-tfal li hu keċċiha biex huma jerġgħu jkunu familja u li ried tarbija oħra, speċifikament tifla, mill-konvenuta u li ried li jsemmuha "J". Iktar tard tgħid li ndunat li l-attur kien lagħbhom logħba għaliex fil-fatt kien waqaf minn mal-mara Ungeriża għaliex kien beda relazzjoni ma' mara oħra li kellha tifla jisimha 'J' li kien l-isem li kien beda jgħid li jrid isemmi lit-tifla li jrid ikollu mill-konvenuta. Il-konvenuta ħassitha mkissra meta ndunat li kull ma kien qed jagħmel l-attur kien li jilgħab bl-emozzjonijiet ta' wliedu għaliex fil-verità li ried kien li jippreparahom għal din "oħthom" mill-mara li kien qiegħed magħha u bl-ebda mod ma kellu intenzjoni jkollu tarbija magħha.

Sadanittant kompliet l-ossessjoni li G jintbagħat Bali mal-*Ispirtual Leader* u l-konvenuta sabet numru ta' ritratti ta' G ħdejn l-*Ispirtual Teacher* Prabhu Darmayasa fuq platforms differenti fuq is-social media. Tgħid li kien ovvju għaliha li dan ir-raġel kellu motivi ulterjuri għalfejn ried lit-tifel iżda l-attur kien jgħidilha li hi tiffissa.

Tirrakkonta inċident li ġara fi Frar 2015 fejn l-attur ħa lit-tfal ħdejn il-mogħoż li kellu u filwaqt li qabad mogħża, u "*flicked his penknife open and began to push his penknife into the left siMof the goat's neck. A pulled out the penknife and licked the blood off his penknife. He smiled, smearing the blood over his front teeth..."* It-tfal twerwru u ommhom telqet bihom iżda tgħid li ma ħallihomx jitilqu u kellhom imorru lura u jorqdu hemm. L-għada filgħodu l-mogħża kienet mietet u qalilhom li kien poġġiha ġo kannestru li kien fih *l*-eskriment tan-nies biex jiffermentaw u jużaha bħala kompost. F fattwalment beda jibża li missieru se joqtolhom u li se joqtol lill-kelb li kellhom. Kien anke jkollu *nightmares* li missierhom qatilhom u kellhom eskriment tan-nies fuqhom u li użahom bħala kompost. Ħolom ukoll li missieru ġiegħlu jiekol "*bits of his brother's arm and his mummy's face and then he wole up scared."*

Tgħid li l-attur imbagħad beda jgħid lit-tfal li jrid li ommhom twassalhom għandu fil-weekends biex iqattgħu l-ħin mal-*Irlfriend* ġdida tiegħu u t-tifla tagħha J. It-tfal ħaduha bi kbira ħafna u tgħid li *"F was clearly hurt and deeply disappointed towards his father's words and behaviour…G became withdrawn and began to speak about wishing he was dead. He began to carry a teddy bear with him and hardly spoke. G slept a lot during this period. F and G refused to go visit or stay with their father at this family's land for the weekends. F and G adamantly refused to meet their father's latest Irlfriend or her daughter. They adamantly refused to call their father's Irlfriend's daughter J, 'their sister'. By end of March, A completely loist interest in the boys. He became very busy with his new relationship with this second Hungarian women and her daughter."* Il-konvenuta iżda kienet baqgħet tieħu lit-tfal għand omm l-attur.

Tixhed dwar iktar inċidenti li seħħew sakemm f'Jannar 2016 iddeċidiet li tieħu passi u ssib avukat u anke għamlet appuntament mal-Victim Support Malta. Hija tkompli tixhed dwar kif l-attur ma riedx li jiffirma l-passaporti tat-tfal u mbagħad mar Bali u ried jibqa' hemm filwaqt li beda jitlobha sabiex it-tfal imorru hemm għaliex jgħixu ħajja aħjar. Tgħid li ma riedx jiffirmalhom il-passaporti qabel imur biex ikollu kontroll fuqhom meta ma jkunx Malta. Meta ġie lura mbagħad tgħid li daħħalha f'moħħu li hi kellha għaxar (10) snin bit-tfal u għalhekk issa kellha tatihomlu għal għaxar (10) snin. L-argument dwar dan kompla quddiem il-familjari tal-attur li pruvaw iġiegħluha tiffirma biex jieħu lit-tfal miegħu Bali jgħixu hemm. Dan kollu quddiem it-tfal tant li t-tifel iż-żgħir bil-biża' għamel taħtu. Dik kienet l-aħħar darba li l-konvenuta marret għand il-familja tal-attur bit-tfal.

Tgħid li mbagħad bdew il-proċeduri l-Qorti. Hija tixhed dwar dak li għaddiha minnu l-attur tul il-proċeduri u dak li għaddew minnu t-tfal għaliex ma riedu bl-ebda mod imorru ma' missierhom. Tgħid li f'Jannar 2021 l-attur ċemplilha u qalilha li ma kienx ser jibqa' Malta u li kien emigra lejn il-Portugall f'Lulju 2020. It-tifel il-kbir kellu tmintax-il (18) sena u ż-żgħir erbatax-il (14) sena. Tgħid li qalilha li kien xtara biċċa art hemm u kien qed jiżviluppa *Permaculture Farm* hemm u li kien ferħan ħafna li telaq minn Malta. Fil-frattemp tgħid li baqa' jitlobha li jieħu lil G jgħix miegħu.

Sabiex tikkorrobora l-verżjoni tagħha, l-konvenuta tipproduċi s-segwenti xiehda:

*<u>Xhieda ta' K D permezz ta' affidavit preżentat fit-18 ta' Ġunju 2022</u>*[24] li jixhed illi huwa sar jaf lill-attur meta beda jinteressa ruħu fil-potenzjal tal-Permakultura u kienu jiddiskutu proġetti ta' dan it-tip flimkien. Ix-xhud jgħid li kien selfu għaxart elef Ewro (€10,000) biex jiżviluppa proġett iżda l-attur "*misappropriated the money I lent to him.*" Jgħid li l-attur kien jipperċepixxi lilu nniffsu bħala ħlieqa speċjali u kellu "*an incredible sense of entitlement*" u fil-fatt kien għażżien. Is-Sur D jixhed dwar l-istat tal-farm, in-nuqqas ta' iġene u l-istrutturi illegali li kien bena l-attur u li minħabba fihom kien diffiċli li jottjeni fondi. Jgħid li hu kien konxju li l-attur kien ikabbar u jpejjep il-Marjuwana fuq il-farm. Jixhed ukoll dwar l-*Angka Café enterprise* li hu u martu kienu jippruvaw jgħinu u li kienet immexxija minnn L MIorIo u N O li kellhom a "*warped sense of divinity*" u kienu jemmnu li huma u l-attur kienu "*the chosen ones.*" Meta l-I*spiritual Teacher* Prabhu Darmayasa ġie Malta s-Sur D u l-mara kienu mistiednin għall-avvenimenti tagħhom u x-xhud jixhed dwar il-kult u t-tratti li bdew jagħmlu quddiemhom. Jgħid li "*The extent to which these people abandoned normality, dignity and self-awareness and responsibility was pathetic and the actual things going on would have been comical were they not so obviously damaIng and emotionally abusive.*"

Jgħid li mbagħad beda jiltaqa' mat-tfal u l-konvenuta u l-attur kien qallu li jrid jeħles mill-konvenuta għaliex ittelliflu relazzjonijiet oħra. Jgħid li kien jara li t-tfal kienu mbeżżgħin minnu u li l-attur dejjem kien jidher irrabjat magħhom. Jgħid li "*my direct observation of A and his kids was that the kids were a status symbol for A when A desired the self-adulation of reflective fatherhood and a complete nuisance to him when he was busy with anything else.*" Jixhed ukoll dwar il-battallja li kienet għaddejja minnha l-konvenuta biex iżżomm il-familja magħquda u fl-istess ħin iżżomm lit-tfal il-bogħod mill-abbuż. Jixhed ukoll dwar il-fatt illi l-konvenuta kienet imwerwra mill-attur u li anke kienet tagħmillu favuri sesswali biex jibqa' jmantni lil uliedu. Jgħid li l-konvenuta kienet ukoll tħoss li kienet responsabbilità tagħha li tressaq lit-tfal lejn missierhom. Jixhed ukoll dwar ir-relazzjonijiet tal-attur ma' nisa oħra.

---

[24] Fol. 521.

*Xhieda ta' W WX permezz ta' affidavit preżentat fit-18 ta' Ġunju 2022*[25] li tixhed illi hi kuġina tal-konvenuta u l-konvenuta kienet marret għandhom meta l-attur bagħtha l-InIlterra speċifikatament biex tagħmel abort tal-ewwel wild tagħhom. Hija tixhed fuq l-għajnuna li taw lill-konvenuta minħabba li l-attur ma kienx qed joffri l-ebda support.

*Xhieda ta' Y Y Z permezz ta' affidavit preżentat fit-18 ta' Ġunju 2022*[26] li fih jirrakkonta dak li qalulu wlied il-kontendenti dwar dak li għaddew minnu ma' missierhom.

*Xhieda ta' L A D permezz ta' affidavit preżentat fis-16 ta' Marzu 2022*[27] li tixhed dwar riti li rat iseħħu hi meta kienet attendiet xi avvenimenti tal-*Angka group* u tgħid li ma riditx tibqa' tattendi għaliex kien ċar għaliha li kienu qed jaduraw lil Prabhu Darmayasa b'mod eżaġerat u li ma jagħmilx sens. Tixhed dwar il-fatt li kienet tara kemm l-attur ma kienx juri interess fil-konvenuta u wliedhom u kemm meta jkunu miegħu l-konvenuta kienet tidher kwieta u t-tfal kienu joqgħodu qrib ta' ommhom. Kien iwaħħal fiha fuq dan u tgħid li ma kienet tarah jagħmel xejn biex itejjeb ir-relazzjoni ma' wliedu. Tgħid li l-konvenuta kienet tiftaħ qalbha magħha.

*Xhieda ta' D A permezz ta' affidavit preżentat fit-18 ta' Ġunju 2022*[28] li jgħid li hu ħabib tal-qalb tal-konvenuta għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin (25) sena. Huwa jikkorrobora fid-dettal l-evidenza mogħtija mill-konvenuta speċjalment minn dak li kien jara hu stess li kien għaddej bejn il-kontendenti u wliedhom.

*Xhieda ta' M C permezz ta' affidavit preżentat fit-18 ta' Ġunju 2022*[29] li tixhed li ilha ħabiba tal-konvenuta minn żmien l-iskola u ratha tesperjenza s-snin kollha mal-attur. Mill-bidu tar-relazzjoni tgħid li l-attur ma kienx ikun irid jagħti flus lill-konvenuta u x-xhud stess kienet litteralment toħroġ lill-konvenuta u lit-tfal magħha biex tara li qed jieklu xi ħaġa sew. Tgħid li l-attur ried li jkollha abort iżda l-konvenuta żammet sod u riedet it-tarbija.

[25] Fol. 533.
[26] Fol. 536.
[27] Fol. 541.
[28] Fol. 549.
[29] Fol. 558.

Tgħid li missierha u ħuha kienu jgħinuha finanzjarjament.  Tixhed dwar il-fatt li kienet tara' b'għajnejha stess il-biża li l-konvenuta kienet tibża' mill-attur anke biex sempliċement tidħol fil-kamra li kkapparra għalih fil-flat ta' Ħal Balzan.  Tixhed ukoll dwar dak li l-konvenuta tgħidilha li kienet għaddejja minnu li jikkorrobora dak li tixhed il-konvenuta stess.

<u>*Xhieda ta' P Manlafico permezz ta' affidavit preżentat fit-23 ta' Marzu 2022*[30]</u> li tixhed illi kienet ġirien mal-konvenuta minn meta l-konvenuta kienet qed trabbi lil ħuha wara li mietet ommhom.  Meta F kellu xahar il-ħbiberija tagħhom kibret u hija tixhed fid-dettall dwar dak kollu li rat lill-konvenuta tgħaddi minnu u tikkorrobora dak li tgħid il-konvenuta minn dak li kienet qed tara hi.

<u>*Xhieda ta' Q R permezz ta' affidavit ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2023*[31]</u> fejn tixhed li ilha ħabiba tal-konvenuta mill-1989 u li għalkemm fl-1993/1994 hija marret toqgħod il-Ġermanja, huma baqgħu ħbieb kbar.  Hija tikkorrobora l-verżjoni tal-attriċi u tixhed fuq kif rat il-konvenuta tgħix is-snin minn meta ħarġet tqila b'F 'il quddiem.  Hija ssemmi kif rat il-konvenuta mwerwra meta t-tifla tagħha, li kienet għadha *toddler,* daħlet fil-kamra tal-attur meta kienu żjara għandhom fil-flat ta' Ħal Balzan u l-konvenuta dehret imbeżża u litteralment keċċiethom Xa mill-kamra u dan għalkemm l-attur lanqas biss kien Malta dak iż-żmien.  Tgħid li ma kinitx taf tidħaqx jew tibki tara l-*cow dung,* u agħar minn hekk l-eskrement tiegħu stess ġod-dar tagħhom u r-ritwali li kien jagħmel l-attur hemm.  Tgħid li ma fehmitx kif ladarba l-attur kien l-Isle of Man, il-konvenuta ħalliet dawn l-affarijiet hemm.  Il-konvenuta baqgħet iċċemplilha u tiftaħ qalbha magħha, ħafna drabi b'qalb maqsuma, fuq dak li kien qed jgħaddiha minnu l-attur.

Tgħid li kienet għandha meta l-konvenuta ċemplet lill-attur tgħidlu bit-tieni tqala u kif semgħetu jgħajjat minn fuq it-telephone u jgħidilha tieħu l-*morning after pill. "We all, my husband included, sat in silence as P fought back humiliated tears.*"  Tixhed dwar il-biża' li kienet tara f'wiċċ il-konvenuta kull darba li kienet tkun magħha meta tinżel hawn Malta u l-attur iċemplilha, l-*mind games* fuq il-konvenuta li rat hi stess lill-attur jilgħab quddiemha, l-mod goff li kien jilgħab mat-tfal anke meta dawn

[30] Fol. 809.
[31] Fol. 933.

jitolbuh jieqaf, l-umiljazzjoni tal-konvenuta meta kienet magħha fuq il-farm u l-attur *openly flirted* ma' nisa oħra quddiemha.

**Ikkunsidrat**

Fid-dawl tal-fatt illi l-kawża odjerna saret fuq medda ta' 'l fuq minn tmien (8) snin, li fiha ġew preżentati għadd ta' rikorsi u rapporti u xehdu għadd ta' professjonisti u ngħataw diversi digrieti, il-Qorti ser tgħaddi sabiex telenka tali digrieti u rapporti sabiex tingħata stampa iktar ċara tas-sitwazzjoni:

*Rikors tal-attur tal-11 ta' Ottubru 2016*[32] li permezz tiegħu jitlob aċċess ta' mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa għal uliedu taħt superviżjoni Xa l-bini tal-Aġenzija Appoġġ u d-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Ottubru 2016[33] fejn il-Qorti tiċħad it-talba.

*Rikors tal-attur tas-16 ta' Novembru 2016*[34] li permezz tiegħu jitlob lil Qorti, fid-dawl tar-rapport tal-psikologa Luisa Eminyan, tirrevoka d-digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, takkorda aċċess għal uliedu taħt superviżjoni Xa l-bini tal-Aġenzija Appoġġ separat għaż-żewġt tifal u tordna li l-ulied u l-missier jattendu *Family Therapy* biex jaħdmu fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom, tordna li l-konvenuta tattendi sessjonijiet għand psikoterapisti biex tgħinha tikkontrolla l-emozzjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu u tappunta l-Aġenzija Appoġġ biex jipprovdi *monitoring* fir-residenza tal-konvenuta u d-digriet tas-6 ta' Diċembru 2016[35] li bih il-Qorti appuntat lill-psikologa Carmen Sammut sabiex tkellem lill-minuri u lill-partijiet u tirrelata dwar it-talbiet tal-attur;

*Rapport ta' Luisa Eminyan tad-9 ta' Novembru 2016*[36] preżentat mill-attur flimkien mar-rikors tiegħu tas-16 ta' Novembru 2016, iżda mitlub mill-konvenuta biex tottjeni *feedback* dwar is-sessjonijiet ta' terapija li l-psikologa kellha mal-attur missier u wliedhom. Kienet l-omm li rreferiet lil

[32] Fol. 15.
[33] Fol. 28.
[34] Fol. 86.
[35] Fol. 107.
[36] Fol. 93.

uliedha għal dawn is-sessjonijiet l-iktar biex toħroġ ir-raġuni għalfejn it-tfal qed jirreżistu lil missierhom u għalfejn għandhom ċerta rabja.

Tirraporta l-psikologa illi l-minuri kienu determinati li ma jridux kuntatt ma' missierhom u spjegaw li kienu mdejqin ħafna meta kienu jmorru jżuru lil missierhom fuq il-farm li kien mar joqgħod fih sabiex jikkultivah, meta F kellu biss disa' xhur. F speċjalment kellu kliem aħrax kontra missieru tant li l-psikologa tgħid li qal li jixtiequ mejjet. Tgħid li F deher anzjuz ħafna u jsemmi li hu jibża' minn missieru, madanakollu ma jsemmix episodji partikolari sabiex jissustanzja dan il-fatt. F jgħid li mingħajr missierhom f'ħajjithom ma jkollhomx problemi u jiddiskrivi lil missierhom bħala manipulattiv, *selfish*, "*jumpy and hyper*" u tal-biża'. It-tifel jgħid ukoll li missieru kien ikun abbużiv fil-konfront ta' ommu u tal-kelb tiegħu u li kien parti minn żewġ setet u spiss kienu jpejjpu l-haxixa. G minn naħa tiegħu kellu nqas opinjoni fuq missieru u qabel ħafna ma' dak li qal ħuħ.

Il-psikologa tosserva illi "*my professional opinion, based on the interviews with the children as well as information gathered from both parents, is that the children appear to be alienated from their father in that they persistently express contemptuous views and beliefs that are developmentally inapporporiate and disproportiate to theiri prior, actual experience with the father.*

*F in particular, shows some aggressive attitudes towards the father such as stating that he hates him and wants him dead. This exaggarated emotional reaction seems to have little substance as he does not describe experiences that can justify the intensity of his feelings. Whilst he has maMa number of serious allegations regarding the father's behaviour, namely the use of illegal drugs in his presence and exposure to sexual acts, F failed to mention any of this until the last appoitnment in which he presented his diary, suggesting that in actual fact, these alleged incidents are not the most pressing reasons behind his feelings of anger and absolute refusal to see his father....*

*G's reasons for not wanting to see his father are vague and he can only justify it by saying that his father is "bad"...For some children, taking sides in the war between the parents is a way of reducing their anxiety which*

*can feel unbearable at times...Therefore, it is likely that G doesnt really wish to end his relationship with his father but he simply wants the 'problems' to end…They state that they don't have any fond memories of their relationship with their father over the years. This despite the fact that Mr B provided a video and photo evidence of himself and the children spending time together and enjoying themselves.*

*Looking at the wider family dynamic, a number of factors can be identified as having contributed to the children's refusal to see their father and there are also factors that keep maintaining the problem. Information gathered from all involved, indicates that Mr. B has always been a relatively passive and somewhat absent parent. He lived in the same household as the children for very brief periods of time. Furthermore, there were times when he was away from the country for a number of months. Ms. D E reports that he was never a hands-on father and only visited the children occasionally. The children also describe a father with somewhat limited parenting skills, who is easily angered and impulsive. Iven that the children did not seem to have a particularly close bond and perhaps fraIle relationship with the father, it is not surprising that in a situation of high conflict between the parents, the children took their mother's side. As they seem to have a stronger loyalty to their mother, in choosing to resist contact with their father, they chose to sacrifice the relationship with the parent who they were less attached to and less dependent upon. Certain behaviours and personality characteristics of Mr B are also contributing to the children's rejection. Mr B has a tendency to externalise blame and seems to have a difficult time seeing his own role in the problem with the children. He firmly believes the mother is entirely responsible for alienating the children and is quick to dismiss what the children say as 'brainwashing'…*

*Similarly there are also personality characteristics and behaviours of the mother that are contributing to the problem. Ms D E has a tendency to become easily anxious and appears to be emotionally fraIle. Consequently, the children are likely to feel the need to protect their mother and to some extent take care of her. Furthermore, Ms D E seems to have poor boundaries with her children and has difficulty keeping her emotions and thoughts from spilling onto her children."*

Il-psikologa tikkonkludi li fid-deċiżjoni li wieħed irid jieħu dwar il-kuntatt tal-minuri mal-missier, wieħed irid iżomm f'moħħu "*not only the children's current feelings and state of mind but also the possible long-term repercussions and lasting emotional impact of cutting all ties with a parent*"

Hija tirrakomanda aċċess b'superviżjoni mal-missier, fejn it-tfal iqattgħu ħin mal-missier individwalment speċjalment għal benefiċċju tat-tifel iż-żgħir G, li t-tfal u l-missier jattendu *family therapy,* l-omm weħedha tattendi *psychotherapy sessions,* il-missier jattendi kors fuq *Parenting skills* u t-tfal jattendu ta' lanqas attività extra-kurrikulari waħda.

Rapport tal-psikologa Carmen Sammut tas-27 ta' Marzu 2017,[37] appuntata mill-Qorti sabiex tirrelata dwar it-talbiet tal-attur fir-rikors tiegħu tas-16 ta' Novembru 2016 fejn tgħid illi F "*Huwa rrabjat hafna ghal missieru, biss jesprimi anki rabja lejn ommu li forsi jhoss li kellha taghmel xi haga dwar dak li kien għaddej minnu qabel ma filfatt ghamlitu. Jidher li jhoss l-uIeh ta' ommu li hu forsi jhoss li Iet imwarrba minn missieru, u forsi hemm ftit ta' 'enmeshment' hemm, xi haga li forsi mhux qed thallieh jahfer lil missieru ghal dak li hu jhoss li ghamel lil ommu. Biss nahseb li l-akbar gliediet li ghandu F huwa il-bahar jaqsam li hemm bejn il-ħajja li hu forsi jifhem li hi normali ghal familja, u l-istil ta' hajja li jghix missieru, li zgur mhijiex konvenzjonali. Il-kilba li jghix hajja 'normali' hija kbira ghal dan iz-zaghzugh, u jhoss li missieru huwa l-kawza li dan ma jistax iseħħ...*

*L-isfidi ta' G huma totalment differenti minn ta' huh, fejn jidher li hu tifel kwiet li jidher li jemmen li ghandu dejjem jipprova jaghmel dak li hu jahseb li hu l-aħjar u dak li hu tajjeb, dak li forsi dawk li jghix maghhom hu jemmen li jridu minghandu, pozizzjoni li qed taghmlu iktar anzjuz u nervuz. Jidher li s-sitwazzjoni tal-familja tinkwetah, u forsi qed jipprova jaghmel dak li jemmen li hu l-ahjar fis-sitwazzjoni, li f'dan il-kaz jemmen li hu li ma jarax lil missieru, forsi fi sforz biex ma jhossux daqshekk bezghan u nervuz, u biex ihossu tifel bravu li qed jaghmel dak li hu mistenni minnu. Il-pozizzjoni ta' huh, li jidher li xi kultant ihossu li għandu jipprotel lil G minn missieru w l-stil ta' hajja li jghix, zgur ma tghejnux biex ihossu sikur ma' missieru.*

[37] Fol. 129.

*Semma' xi affarijiet bhal li missieru Ieli sakkru go xi kamra jew ohra, memorji li ghalih huma sors ta' biza'.”*

Hija tirrakomanda li l-aċċess ma jsirx fl-ambjent li fih jgħix missierhom għaliex huwa ovju li t-tfal skomdi f’dak l-ambjent u għalhekk aċċess b’superviżjoni mill-Aġenzija Appoġġ huwa rakomandat. Dan għandu jsir bil-minuri weħedhom u ħinijiet oħra bil-minuri flimkien.

*Digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Marzu 2017*[38] li bih il-Qorti tordna illi l-partijiet jattendu a spejjeż tagħhom *family therapy sessions* u tordna li l-missier ikollu aċċess għall-minuri b’mod separat, darba kull wieħed fost il-ġimgħa u aċċess aktar fit-tul fil-*weekend* Xa mill-Aġenzija Appoġġ, b’dan li l-aċċess ikun *monitored* u d-digriet tal-Qorti tas-27 ta’ April 2017[39] fejn il-Qorti laqgħet it-talba sabiex l-imsemmi aċċess ikun *supervised* u mhux *monitored.*

*Nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-12 ta’ Lulju 2017*[40] li biha l-Aġenzija ġġib a konjizzjoni tal-Qorti li qed ikun hemm problema bl-aċċess fejn il-minuri ma kienux ikunu jridu kuntatt ma’ missierhom u minkejja li l-missier xorta prova jqatta’ ħin magħhom, huma dejjem baqgħu reżistenti u qatt ma ħarġu mill-karozza tal-omm. Bi qbil bejn iż-żewġ partijiet, l-aċċess ġie għalhekk sospiż minn naħa tal-Aġenzija Appoġġ.

*Rikors tal-konvenuta tal-1 ta’ Awwissu 2017* li bih il-konvenuta titlob li jinħatar avukat tat-tfal u d-digriet tal-Qorti tal-21 ta’ Awwissu 2017 li bih il-Qorti ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-tfal;

*Rapport tal-Avukat tat-tfal tas-27 ta’ Settembru 2017* li fih l-avukat tat-tfal tikkonkludi illi “*L-access sfurzat kien qed jaffetwa liz-zewg minuri b’mod negattiv hafna, kemm piskoloIkament u anke fl-istudji taghhom. Huma mhux biss ma jridux assulutament li jkollhom jiltaqghu ma’ missierhom, imma lanqas biss iridu li jkollhom ikellmuh fuq it-telefon. Il-hsara li ghamel missierhom bl-aIr tieghu fil-passat fil-konfront ta’ wliedu, hija hsara u tbatija kbira li t-tfal ma jistghux jinsew.*

[38] Fol. 150.
[39] Fol. 159.
[40] Fol. 189.

*Illi l-esponenti tissuggerixxi umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex it-tfal ma jigux imIeghla, kontra r-rieda taghom, li jiltaqghu jew jitkellmu ma' missierhom. Dana anke sabiex jigu evitati incidenti koroh bhal meta waqt l-access sforzat il-mibeghda u rabbja Ieli waslet anki ghal incidenti ta' vjolenza bejn is-subien u missierhom."*

*Digriet tat-28 ta' Settembru 2017* fejn il-Qorti ordnat illi l-aċċess tal-missier għall-minuri jieqaf immedjatament;

*Rikors tal-attur tal-5 ta' April 2018*[41] li permezz tiegħu jitlob lill-Qorti illi tirrevoka d-digriet tat-28 ta' Settembru 2017 *contrario imperio* filwaqt li takkorda aċċess a favur l-attur għaż-żewġ minuri, b'mod individwali, minn ta' lanqas darbtejn fil-ġimgħa, jekk neċessarju bl-assistenza tal-pulizija u/jew marixalli tal-Qorti, tordna li l-attur u l-minuri jibdew jattendu sessjonijiet ta' *family therapy* sabiex jaħdmu fuq ir-relazzjoni tagħhom, tappunta psikjatra jew *clinical psycholoIst* sabiex isir rapport fuq il-qagħda mentali tal-konvenuta filwaqt li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa, tobbliga lill-konvenuta sabiex iżżomm lill-attur infurmat kull darba li l-minuri jkunu ma jifilħux u jkunu ser jitilfu skola u d-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Ġunju 2018[42] li bih il-Qorti ċaħdet it-talbiet;

*Rikors tal-attur tal-25 ta' Lulju 2019*[43] li bih l-attur talab lill-Qorti tordna li l-minuri jattendu terapija b'mod individwali bil-għan li jerġa' jibda jkun hemm aċċess bejnu u wliedu u d-digriet tal-14 ta' Awwissu 2019[44] li bih il-Qorti laqgħet it-talba u ħatret lill-psikologa Carmen Sammut għal dan il-għan;

*Rapport tal-psikologa Carmen Sammut tas-7 ta' Jannar 2020*[45] li tgħid li "*jien hasejtni li ma nistax 'nordna' lit-tfal biex jigu ghal terapija ghax din il-haga iktar ser taghmel hsara milli Id, anzi zzid il-hsara li diga hemm fir-relazzjoni ta' dawn it-tfal ma' missierhom Inhoss li F, ta' 15-il sena, ghandu jithalla fil-liberta li jaghzel hu x'tip ta' kuntatt għandu jkollu ma' missieru f'din l-eta ghax li tisforzah ser isir iktar hsara milli Id, u ser tikber izjed id-*

[41] Fol. 242.
[42] Fol. 264.
[43] Fol. 472.
[44] Fol. 479.
[45] Fol. 483.

*distanza bejnu w bejn missieru jekk hu jiI mIeghel li jaghmel xi tip ta' kuntatt mieghu. Iktar ma jikber iktar forsi jkun jista' jiddelja ahjar mat-tip ta' hajja li ghazel missieru, u allura jekk hu jridx ikun parti jew le mill-hajja ta' missieru. Li jkollu xi għajnuna terapjewtika biex jimmanigja r-rabja tieghu ahjar hija ta' beneficcju biss jekk ma jkolliex x'taqsam mal-Qorti u direttament ma' missieru. U jekk ihossu 'safe' biz-zejjed li jistaqsi ghaliha hu, iktar milli tiI ordnata fuqu.*

*G hu izghar, biss xorta nhoss li ma jistax jiI mIeghel ikollu xi tip ta' kuntatt ma' missieru ghax inhoss li hemm aspetti ta' 'trauma' li nhoss li genwinament ghadu jesibixxi, li jidher li ghadhom jaghmluh ihossu mhux sikur fil-prezenza ta' missieru. Naf li t-talba kienet ghal terapija, biss il-fatt li saret talba b'ghan li hu relatat ma' missieru rega wadbu fi stat ta' krizi. Inhoss li għandu jiI mghejjun biex isib spazju terapjewtiku li hu jhossu sikur u protett gewwa fih biex hu jkun jista' jipprocessa ahjar l-esperjenzi li jidher li kellu. Dan ghandu jkun maqtugħ mill-process tal-Qorti, u ghandu jkollu l-ghan biss li jghejn lil G skond il-bzonnijiet ta' zvilupp u psikoloIci li ghandu. Nirrakkomanda li jsir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ta' G, vis-a-vie jekk mghandux ikollu xi tip ta' kuntatt ma' missieru jew le, fi zmien xi sena, wara li forsi jkun attenda ghal xi tip ta' terapija mahsuba biex tghinu ghalih innifsu. Hu forsi jkun kbir biz-zejjed sa dak iz-zmien biex jara hu stess x'tip ta' relazzjoni jixtieq li jkollu maz-zewg genituri, inkluz missieru."*

<u>*Digriet tal-Qorti tas-7 ta' Jannar 2020*</u>[46] li bih il-Qorti tiddikjara li taqbel mal-konklużjonijiet kollha peritali u tordna li l-partijiet jottemperaw ruħhom magħhom.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Kif ben magħruf f'dawn it-tip ta' kawżi, il-Qorti dejjem tisħaq li l-ewwel konsiderazzjoni għandha tkun *the best interests of the child.* Tgħid il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo,**[47] illi "*The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, maMagainst each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve*

[46] Fol. 488.
[47] Deċiża fil-25 ta' Novembru 1998.

*to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrula vs D Caruana**,[48] u **Marlon Grech vs Charlene Banks[49]** illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Tgħid il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'Artikolu 3:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or leIslative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Jirriżulta għalhekk illi *the best interests of the child* għandhom ikun konsiderazzjoni primarja. Dan ma jfissirx illi l-Qorti ma għandhiex tqis konsiderazzjonijiet oħra; infatti l-Konvenzjoni tuża '***a*** *primary consideration'* jiġifieri jista' jkun hemm fatturi oħra, madanakollu l-Qorti trid tara li dawn il-konsiderazzjonijiet ma jkunux qed jitpoġġew qabel l-interessi tat-tfal a detriment tagħhom. Infatti tgħid il-Qorti Ewropeja fil-każ **Sahin vs Germany [GC],[50]** li *the child's best interests may, depending on their nature and seriousness, overriMthose of the parents.*

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Artikolu 7 tal-Kap 16 ikompli illi:

---

[48] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[49] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).
[50] No. 30943/96, § 66, ECHR 2003-VIII.

*"Il-**ġenituri** għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

Artikolu 7 għalhekk japplika l-Artikolu 3B anke għall-ġenituri mhux miżżewwġin bħal ma hu dan il-każ. Jekk ma jkunx iktar possibbli għall-ġenituri illi jibqgħu f'relazzjoni, il-Qorti, jekk il-partijiet jiġu quddiemha, trid tara min mill-konjuġi (jekk mhux konġuntivament) għandu jkollu l-kura u kustodja ta' dawk it-tfal. Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[51] il-Qorti qalet illi "*la cura ed educaFe dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjuI, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantagIo di tali figli".*

Dan ifisser illi għalkemm il-Qorti għandha l-obbligu illi tisma' ż-żewġ partijiet, hija trid tara li ma titħawwadx fil-lanjanzi miġjuba quddiemha mill-ġenituri kontra xulxin meta tiġi biex tiddeċiedi dwar dak li jolqot lit-tfal. Il-Qorti tisħaq illi kull deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal sabiex ikun żgurat illi dawn ikunu mdawwra bl-imħabba u l-għożża meħtieġa ta' ġenituri li huma kapaċi *li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw* lil uliedhom f'ambjent stabbli u kalm.

Dwar l-aċċess imbagħad il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**[52] osservat illi: "*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiIlha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha.*

[51] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[52] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008.

*Kwindi lil min jiI fdat bil-kura tal-minuri u kif jiI provdut l-access jiddependi mill-htiIjiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.* ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti*** *hu l-* ***istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Tgħid ukoll il-Qorti tal-Appell fil-każ riċenti fl-ismijiet **Jael D vs Robert D**[53] "*Dwar l-aċċess għall-ulied, jingħad li huwa dritt ta' kull wild li jkollu relazzjoni mal-ġenitur li ma jkunx qiegħed jgħix miegħu. L-aċċess għall-ulied ma jiġix stabbilit lill-parti għall-kumdità tagħha iżda fl-aħjar interess tal-minuri. F'dan is-sens huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-ġiri minn ġenitur għal għand l-ieħor iġib miegħu ċertu nuqqas ta' stabbiltà fil-ħajja tal-minuri li jista' jaffettwa negattivament l-iżvilupp soċjali u psikoloġiku tagħhom u jżidilhom l-konfużjoni f'ħajjithom (ara Lara D v. Oliver Bonanno deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012 u T Micallef pro et noe v. Lesya Micallef nèe Grinishina mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018)"*

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap 16. L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

[53] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Jannar, 2025 (Rik. Nru. 212/2009/6 AGV).

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.[54] Il-Qorti tissottolinea għalhekk li l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni u hu partikolari għall-bżonnijiet ta' kull wild.

Relevanti f'dan il-kuntest l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[55] fejn il-Qorti qalet illi "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."*

Joħroġ ċar mil-liġi nostrana u wkoll mill-Qrati li japplikawha, illi l-ġenituri għandhom iħossu din ir-responsabbiltà tal-ulied b'mod illi ladarba jġibuhom fid-dinja jridu jaraw li qed jiġu provduti b'ħajja xierqa għalihom, mhux kwistjoni ta' lussu iżda ħajja dinjituża kull wieħed skont il-bżonnijiet tiegħu. Kull wieħed mill-konjuġi irid jifhem din ir-responsabbiltà u ma jistax jevita illi jagħmel dan billi jistrieħ biss fuq il-parti l-oħra. Tgħallem fil-fatt din il-Qorti illi "*Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti tkompli tgħaddi huwa*

[54] ViMTiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrula deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).
[55] Deċiża fil-31 ta' Jannar 2019.

*li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara."*[56]

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[57] Kif jingħad mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**[58] "*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

F'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiemha, sitwazzjoni delikata ta' familja li kellha ġġarrab snin ta' ħajja turbulenti b'żewġt itfal li kellhom jesperjenzaw diżgwid kbir bejn il-ġenituri tagħhom u ħajja għal kollox differenti minn dik li jaraw huma bħala 'n-norma'. It-tifel il-kbir F, illum huwa maġġorenni u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tiegħu. It-tifel iż-żgħir G, illum ukoll kiber u fi ftit xhur jagħlaq l-età ta' tmintax-il (18) sena. Għaldaqstant dak li forsi kien japplika għal ulied meta dawn kienu iżgħar, illum huwa differenti u l-Qorti trid tiddeċiedi dwar kura u kustodja u aċċess tat-tifel G f'dan l-isfond.

Mill-bidu tar-relazzjoni, il-partijiet iltaqgħu mal-iskossi fejn sena biss wara li bdew joħorġu flimkien il-konvenuta ħarġet tqila bit-tifel il-kbir G. Il-konvenuta tgħid li l-attur ried jittermina ż-żewġ tqaliet li kellha u l-attur ma jiċħadx dan u fil-kontro-eżami tiegħu fil-fatt jgħid[59] li kien hemm diskussjoni f'dan is-sens. Tixhed ukoll Q, ħabiba tal-konvenuta li meta l-konvenuta ċemplet lill-attur biex tagħtih l-aħbar li kien ser ikollhom it-tieni

[56] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru 64/2017AL)
[57] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).
[58] Deċiża fis-6 ta' Frar 2015.
[59] Fol. 495.

tarbija "*Unfortunately, the euphoria only lasted until she phoned A with the "good" news. The call did not go well. I was barely a meter away from her. I watched the blood drain slowly from her rosy face. She said little. I thought she was going to faint. She sat down and was silent. His words were cold and hard, and his message very clear and simple: "Call me back, when you've taken a Morning After Pill".*[60]

Wieħed jista' jifhem fiċ-ċirkostanzi għalfejn l-attur ra li tfal fir-relazzjoni kienu ser joħolqulu ħafna xkiel għaliex il-ħajja li xtaq jgħix hu stess kien jaf li kienet ser tkun diffiċli biex jgħixha bit-tfal. Fil-fatt mill-bidu nett jidher li l-familja kollha kellhom jgħixu ħajjithom *on his own terms*. Il-Qorti tifhem li kulħadd għandu dritt jgħix l-ideali tiegħu u wieħed jammira l-fatt li persuna tattwa dak li temmen fih, madanakollu dan ma jistax isir billi dak li jkun jikkundizzjona ħajjet ta' madwaru b'mod assolut. Il-Qorti tinnota li kif jgħid l-attur stess, il-konvenuta kienet miftuħa għal ideali simili għal tal-attur u fil-fatt huwa jgħid li kienu anke jimmeditaw flimkien bħala familja.[61] Kif kien ukoll miftuħ għal dawn l-ideat ix-xhud K D li fil-fatt tant kienu jinteressawh l-ideat tal-attur li anke investa flusu hemm. Madanakollu l-problema ma kinitx l-ideat u l-ideali li kellu l-attur, li jista' bniedem ikollu opinjonijiet differenti dwarhom, iżda l-mod kif kien jattwahom, b'mod li jinjora assulutament lil ta' madwaru u jagħmel dak li jrid hu. Fid-dawl tal-fatt li kien hemm żewġt itfal fix-xena, dan ma setax isir żgur.

Fil-fatt mill-bidu tar-relazzjoni huwa segwa dak li xtaq li jagħmel hu f'ħajtu u l-konvenuta u t-tfal kellhom jew isegwuh jew jaraw kif ser ifendu għal-rashom. Il-konvenuta minn naħa tagħha mill-bidu dehret li kienet bdiet tagħmel dak li xtaq hu u tipprova taddatta ħajjitha għal dak li ried jagħmel l-attur. Għaldaqstant marru l-ewwel l-Isle of Man għal kors li kellu jdum biss għaxart (10) ijiem iżda li minflok bħala żjara tawlet mal-erba' (4) xhur. Hemmhekk il-konvenuta, li kien għad kemm kellha tarbija kellha takkomoda ruħha f'tinda u kamra tal-banju ta' ħaddieħor. Tgħid li "*A, F and I lived in a tent and showered at the organiser's house*".[62] Il-Qorti tinnota kemm mill-bidu ta' ħajjet it-tfal il-konvenuta kellha tara kif tagħmel biex tgħix bit-tfal f'din il-ħajja bin-nuqqas ta' kumditajiet li ġġib magħha.

[60] Fol. 941.
[61] Fol. 289.
[62] Fol. 561.

Xa minn hekk tirrakkonta r-riti li kienu qed isiru quddiemha u t-tifel. Wieħed ma jistax hawn jitħawwad fil-fatt jekk jaqbel jew ma jaqbilx u jekk jemmen jew ma jemminx f'dawn ir-riti għaliex din hija Xa minn dak li trid tevalwa l-Qorti, madanakollu wieħed ma jistax jgħid li dan kien ambjent faċli għal mara li għada kif welldet tarbija bil-biżgħat, ansjetà u inċertezza li dan il-perjodu jġib miegħu. Minflok ma hawn sabet missier li jappoġjaha f'dan kollu, sabet missier li spostja lill-omm mill-ambjent tagħha u poġġiha ġo kultura għal kollox differenti mingħajr sostenn ta' xejn għaliex hu ried akkost ta' kollox jgħix dik il-ħajja. Fil-fatt wara' erba' (4) xhur il-konvenuta niżlet Malta u l-attur baqa' hemm filwaqt li hija baqgħet titla ħdejh bit-tifel biex ovjament hu jkun ftit magħhom u wkoll "*to bring his clothes and boots from Malta up to the Isle of Man*"[63] Mill-bidu fil-fatt beda l-pattern li ġie rifless fil-ħajja tal-kontendenti, dak li l-attur ikollu pjan u l-familja tiegħu trid issegwi.

Fil-fatt diversi xhieda jiddeskrivu l-attur bħala ta' karattru dominanti filwaqt li l-konvenuta subservjenti għalih u għalhekk tawlet is-snin tagħmel dak li xtaq hu. Jgħid K D illi *"A had an incredible sense of entitlement. He fully expected the world to Ive him what he wanted simply because he perceived himself as "special". He expected the world to forIve his transgressions simply because he was trying to save the world. He had a level of narcissistic self-aggrandisement that in the simplest of terms, denied him any real chance of success. I also came to realise that A was lazy when it came to doing things he had to do but didn't want to do. At every turn, A wanted opportunity to be Ifted him in recognition of his self-acclaimed status but became petulant when he needed to compromise in any way. I spoke clearly and directly with A about these things, guiding him to understand that nobody owed him anything and that if he wanted to succeed he had to do it on terms the people around him could buy into. Every time A and I had this conversation, he took offense and shut down."*[64] Din l-osservazzjoni kienet ġejja mingħand xi ħadd li kien jinteressawh hu stess l-ideat tal-attur u ltaqa' u ddiskuta miegħu kemm-il darba u għalhekk tingħata iktar importanza. Tixhed ukoll P ManIafico illi "*He appeared to be proud to be living this way with limited water, electricity and hyIene. He referred to himself as a 'pioneer for the future*

[63] Fol. 561.
[64] Fol. 523.

*generation'...'*[65] Dawn l-osservazzjonijiet fil-fatt huma riflessi fil-ħajja li ddeċieda li jgħix l-attur fuq it-termini tiegħu bil-konvenuta u t-tfal li jridu jakkomodaw għal dik il-ħajja li ried hu.

Kien għalhekk faċli b'dan is-sens ta' dominanza li lill-konvenuta jittrattaha "*like a slave*"[66] tagħmel dak li jordnalha hu ibda mill-kċina u kompli sat-tip ta' ħajja li kienu jgħixu. Tgħid fil-fatt ukoll Q R li dak li rat hi b'għajnejha li "*P zoomed into housekeeping mode...So, P, not really talking, prepared all the food and cleaned up the little kitchenette again...*"[67] u l-esperjenza ġewwa l-Għadira fejn it-tfal kienu qed jitkarbulu biex jieqaf jgħoddoshom u huwa jkompli u ma jagħtix każ il-krib tagħhom.

Fil-fatt il-konvenuta talbitu bil-ħniena meta marru lura l-Isle of Man biex jikru post fejn setgħu jgħixu sew bit-tifel għaliex it-truck li huwa ddeċieda li jgħixu fih (li tiegħu l-konvenuta tippreżenta anke ritratti) *"there was no running water or lavatory. A dug a hole close to the truck where to pee and poop which was then covered by sawdust. The rats began to gather closer to the truck."*[68] Fil-fatt hawn it-tifel marad kif ġara iktar tard meta marad b'marda fid-demm. L-attitiudni tal-attur hawn kienet l-istess, jekk il-konvenuta kienet ser tagħtih il-mediċina konvenzjonali li hu ma kienx jemmen fiha hu għalhekk lanqas kien ser jistaqsi kif inhu t-tifel. Jekk ma tagħmilx li rrid jien allura trid tpatti għalih. Din kienet l-attitudni tiegħu mal-konvenuta u t-tfal riflessa f'dak li jixhdu fuqu mhux biss il-konvenuta iżda wkoll id-diversi xhieda li mhux biss raw affarijiet għaddejjin quddiemhom il-ftit drabi li ltaqgħu mal-attur, iżda għixu l-esperjenza mal-konvenuta u t-tfal fid-drabi kollha li kienu jiltaqgħu magħhom.

L-attur imbgħad iddeċieda li jmur joqgħod fuq art tal-familja tiegħu ġewwa l-Baħrija. Hawn ukoll huwa ħa l-pass li ried hu irrelevanti mill-fatt li kellu t-tfal. Lil hinn minn l-opinjonijiet dwar l-istil ta' ħajja fuq il-farm, joħroġ mill-provi li dan ma kienx post adatt għat-tfal. Il-konvenuta tixhed fit-tul u tiddiskrievi l-mod kif kienu jgħixu fil-farm, mingħajr iġene bażika. Jixhed ukoll K D li jgħid "*I recall being constantly concerned when the kids were on the land, because the land was so unsafe and there were so many*

[65] Fol. 812.
[66] Xhieda ta' P Manlafico a fol. 810.
[67] Fol. 948.
[68] Fol. 562.

*ways for the kids to get hurt. Apart from the physical dangers, falls, tools, sharp rusty objects etx., it was impossible to supervise and contain the kids in the best of circumstances on the land."*[69] L-ambjent ma kienx adattat għat-tfal anke jekk għall-adulti seta' wieħed jabita fih jekk jixtieq. Jgħid l-istess D "*He was proud that the only hyIene facility was a human manure compost toilet. I was never confortable using his toilet and never did. The flies and insects constantly in and around the toilet maMme uncomfortable. The cooking facilities as the land were basic and in fact my wife and I gave A an old gass stove we were replacing."*[70] Tixhed ukoll L A D illi "*It was nothing short of a rough camping and suitable for young children in my opinion. The whole idea sounded very unhealthy to me. Just the fact that the toilet was outdoors in an un-insulted shack maMme very uncomfortable to imaIne the children, for example, being sick with stomach flu. The washing facilities were sub-standard and there was no washing machine. There was no place where the children could have any form of privacy or play area that didn't inflict on the adults...I considered his idea romantic and unrealistic and I was clearly under the impression that he had no idea what it takes to raise healthy and safe children."*[71] Tixhed ukoll P ManIafico "*A had told her 'he designed the room for him and his friends only and she can 'stay at her flat with the boy'. This really was the first sign that A had deliberately designed the room at Bahrija without his partner and son in mind.*

*It is a 'single man shack' purposely built for his entertainment and not built as a family lodIng as there is utterly no privacy between kitchen area, sofa area and mattress area and shower area. It was small, I saw many rat and mice traps laid about insiMand it was very humid indoors. As I walked in, to the right, there was a dangerously large rectangular open space which led to 2 storeys down into a dark room - an empty water well, I was told by A. The opening to the room was covered by a piece of wood and camouflaged as a floor insiMhis hut.*

*His 'toilets' were two buckets with saw dust insiMof it. Human urine or human faeces were deposited in these buckets and were covered with*

---

[69] Fol. 527.
[70] Fol. 524.
[71] Fol. 544.

*sawdust until the bucket was full. Once full it would get thrown into a large blue drum next to these 'toilets' to ferment away, A had told me. Boy did these toilets smell! The air was thick with this fermenting human excrement. The insects around and insiMthe toilets were overwhelming. I personally was frightened of getting a female infection if I dared attempted to undress to urinate in these buckets seeing the swarm of insects around and the scuffling of what sounded like mice and rats scurrying away. I do not know what his plan was if and when his sons would or did accidentally fall into his buckets and touch other people's excrement! The thought of it alone worried me as water there was rationed also, as was electricity and I always wondered how the children could get clean fast if they needed to. This thought always bothered me amongst other obvious dangers on the farm for young children.*

*Thankfully A always texted and wanted P to accompany and remain on the land with the children as he was always too busy with his many regular guests visiting or sleeping over. He moaned that the children were women's job, not men's. I remember his words as he said this to me when I asked him why did he not spend time with his sons during the weekend. I was reassured though, by P that the children never used those 'toilets' without her help.*

*Via text or a phone call on Friday, they would deciMfood, and a rough plan for the weekend so P would pack the correct outfits for each weekend.*

*Every Saturday morning P packed the car and kids to go up to Bahrija to spend the weekend till Monday morning with their father. I would help her pack the car. P had to haul up every weekend."*[72]

Minn Xa fl-ambjent fiżiku jirriżultaw ħafna rakkonti tal-ħajja privata tal-attur li għal darba oħra l-Qorti ma hix il-kompitu u l-interess tagħha li tikkummenta dwarhom, madanakollu kien jew ma kienx għadu f'relazzjoni mal-konvenuta, l-attur ma setax jesponi lill-uliedu għall-ħajja privata u sesswali tiegħu. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet hi li ma riditx twaqqaf ir-relazzjoni ta' bejniethom. Anke jekk għas-saħħa tal-argument wieħed

[72] Fol. 811.

kellu jieħu dan bħala veru u jinjora x-xhieda kollha li tgħid li kull darba li ma kienx ikun f'relazzjoni kien jitkarrab lill-konvenuta biex tmur lura u jkollu x'jaqsam magħha sesswalment meta ried hu, xorta waħda kien ta' ħsara li kien jaġixxi b'dak il-mod quddiem it-tfal. It-tfal għexu l-umiljazzjoni tal-omm f'dawn is-sitwazzjonijiet, u setgħu jħossuha anke jekk din ma tgħidilhomx bil-kliem. Il-psikologa Luisa Eminyan tiddeskrivi lill-konvenuta bħala fraġli u jista' jkun li hekk hu, madanakollu anke kieku ma kinitx, it-tfal kienu qed jaraw dan iseħħ quddiemhom u għalihom kien diffiċli li jifhmu li missierhom qed jgħix il-ħajja sesswali ma' persuni oħra, mhux talli mhux ma' ommhom, iżda talli quddiemha. L-uġieħ tal-omm seta' jinħass mit-tfal li kienu jkunu kull weekend preżenti għal dawn l-affarijiet.

Fil-fatt il-konvenuta tiddeskrivi fid-dettall diversi stejjer ta' aġir mhux biss promiskwu iżda wkoll għal kollox deplorabbli li jsir quddiem it-tfal bħal stat ta' nudità, ħsejjes sesswali bit-tfal preżenti, u saħansitra esperjenzi sesswali li setgħu jaraw it-tfal quddiemhom. Dan biex ma tissemmiex il-fatt li l-missier kien hemm drabi li kien qed jorqod ma' mara oħra fl-istess kamra fejn qed jorqdu t-tfal ma' ommhom. Anke jekk dawn l-esperjenzi t-tfal insewhom fl-ispeċifiku, madanakollu dak li kienu għaddejjin minnu ħoloq inevitabilment *feeling of resentment* għal missierhom li mhux dejjem wieħed jista' jiddeskrivi minn fejn ġej. Dawn l-esperjenzi t-tfal kienu jirrakkuntawhom lill-ħbieb tal-konvenuta u fil-fatt ix-xhieda jixhdu anke dwar dak li kienu jiftħu qalbhom dwaru t-tfal magħhom.

Xa minn hekk jirriżultaw għadd ta' rakkonti evidenzjati anke mix-xhieda li kienu jkunu mal-konvenuta, ta' drabi fejn l-attur aġixxa b'mod abbużiv mat-tfal. Fil-fatt tirrakkonta Q R episodju ta' meta kienu l-Għadira flimkien u l-missier werwer it-tfal bil-logħob tal-idejn fil-baħar, kif ukoll episodju ieħor fejn G beda jitfa ġebel żgħir ġo pond fil-farm. Ir-reazzjoni tal-attur kienet waħda sproporzjonata għall-aħħar fejn "*He grabbed him and literally shook him by his shoulders, shouting millimeters from his face, about the evils of stone throwing. I regret not getting involved, but A B was truly angry with the boy and it was just so out-of-the-blue and so sudden, it was unreal. G cried his little heart out. He sobbed to his father he would never do it again. He was maMto promise. And promise over*

*an dover again. He was super frightened. I was frightened."*[73] Jixhdu wkoll ix-xhieda kif raw il-biża' fuq il-konvenuta, anke meta l-attur kien Xa minn Malta, biex tidħol fil-kamra li kien ikkapparra fil-flat tagħhom u anke marki fuq persunta wara xi episodju vjolenti. Jixhed fil-fatt D A li għalkemm ma rax l-episodju jiġri quddiemu darba fost l-oħrajn "*On the 7th of Dec 2009, being F's 7th birthday, P had been Iven a deadline by A B to return the money he had deposited in her account. They had a heated argument where he had even hit her in front of her children. I know that evening, she asked if she could sleep at my flat with the children as they were all afraid to stay in their/her own flat because of A B. They all came over and I witnessed F, in particular was extremely shocked at seeing his father hit his mother. We tried to avert the children's attention taht evening by making a fuss of his birthday."*[74]

Għadd ta' episodji oħra jiġu rakkontati fid-dettall bħal meta uża lil G biex ipattiha lil ommu f'argument u sakkru f'kantina taħt l-art u meta qatel annimal li kellu fuq il-farm b'mus quddiem it-tfal u ċappas ħalqu bid-demm tiegħu u ġiegħlom xorta jorqdu fil-farm dakinhar. Ħafna drabi l-ħbieb tal-konvenuta esperjenzaw it-terrur li kienu għaddejin minnu t-tfal. Tixhed Q R *"I witnessed in person, the "terror" (more fear) A B was causing P and the boys on my vacations down to Malta. I could see it in small, simple - almost ridiculous - things; like for example in the simple act of inviting them to dinner over at my house. If I served meat, the boys would look at their mother first and she had to assure them several times over it was o.k. and "safe" to eat - not because my cooking was bad, but because A had insisted the family be vegetarian - bordering onto vegan actually - to fit in with his "healthy, organic" image and lifestyle. According to him, meat was dirty. I personally have nothing against other people's opinions, or vegans or vegetarians, but the boys loved their sausages and steaks too. But they were terrified, truly scared that somehow "Daddy would find out"."*[75]

Il-konvenuta fil-fatt tippreżenta ittra li F kien kiteb l-iskola lil Santa Klaws fejn jgħid li xtaq lil missieru mejjet. P ManIafico tixhed illi "*When P and I*

[73] Fol. 950.
[74] Fol. 554.
[75] Fol. 946.

*asked why he wished his father, A dead, F replied these with these words "Mum, everything will stop when he dies. I want you to be happy, I want G to be happy and I want us to be safe. I don't want to feel scared anymore, he is scary and he hurts us. I know Santa will help us.""*[76]

Fil-fatt tgħid Q R *"I have witnessed A over the years, ignore, lose interest, and treat his sons as though they were toys for him to take off the shelf only when he chose to and when it benefitted his personal situation fo that moment."*[77] U K D jgħid ukoll "*A has never showen any interest in spending time with the boys, even when he was with the boys."*[78] u "*my direct observation of A and his kids was that the kids were a status symbol for A when A desired the self-adulation of reflective fatherhood ana complete nuisance to him when he was busy with anything else. A never seemed to have any fun, happy or natural father son stories about or conversations with his sons."*[79]

Wieħed imbagħad ma jistgħaġibx li l-omm kienet tħossha li ma tistax tħalli lit-tfal weħedhom ma' missierhom. Dan is-sens ta' protezzjoni għadda wkoll fuq F li kien iħoss li jrid jipproteġi lil ommu u lil ħuħ fis-sitwazzjoni. Il-Qorti tiddeplora l-fatt illi tifel tpoġġa f'sitwazzjoni bħal din fejn kellu fiċ-ċirkostanzi jieħu fuqu responsabbilità li ma kellhiex tkun tiegħu. Il-Qorti tifhem li speċjalment meta koppja ma tibqax flimkien wieħed għandu l-libertà li jkompli ħajtu, iżda din il-libertà ma jistax wieħed jgħixha b'mod assolut bil-konsegwenza li l-aħjar interessi tat-tfal jintesew a skapitu tal-ideali tal-kbar.

L-attur bħal donnu jiskuża l-aġir tiegħu billi jgħid li kienet il-konvenuta li ma riditx twaqqaf ir-relazzjoni ta' bejniethom u fil-fatt sħabha stess kienu jistgħabu kemm tissaporti. Luisa Eminyan stess fil-fatt tgħid *"As a result of the father's attituMand perhaps his tendancy to want a relationship with the children on his own terms, the children do not feel understood by him and this makes it easier for them to continuing rejecting him."*[80] U "*Mr B has a tendency to externalise blame and seems to have a difficult time*

[76] Fol. 825.
[77] Fol. 815.
[78] Fol. 532.
[79] Fol. 527.
[80] Fol. 100.

*seeing his own role in the problem with the children.'*[81] Hi stess fil-fatt tgħid li kien passiv fit-trobbija tagħhom. L-omm min-naħa tagħha jista' jagħti l-każ li kif tgħid l-istess psikologa għandha karattru fraġli iżda l-ħajja li esponiha għaliha l-attur żgur ma għenitx dan il-fatt. Fil-fatt ħafna drabi l-omm *blamed herself* għal li kien qed jiġri u *"Her expression of guilt that she believed she had forced A to be a father when she refused to terminate was evident to see."*[82] Hija tiddiskrivi lill-konvenuta bħala *naive* u fil-fatt it-tifel stess F jgħid lil missieru f'wieħed mill-messaġġi "*mum stupidly loving you*."

It-tfal għalhekk esperjenzaw snin sħaħ ma' l-omm. Il-Qorti tħoss li huwa ftit semplicistiku li wieħed jgħid li t-tfal ma jirrakkuntawx episodji speċifiċi li minħabba fihom ma jridux bl-ebda mod jafu b'missierhom. It-tfal għexu din l-esperjenza mill-bidu ma' ommhom u kienu qed jaraw l-umiljazzjoni tal-omm. Wieħed jista' jgħid li hawn l-omm żbaljat li kompliet bħal tgħix ir-relazzjoni mal-attur u tibqa' ma' wliedha meta dawn kienu jkunu ma' missierhom. Madanakollu wieħed ma jistax jinsa l-fatt li din l-omm minn trabi ħasset li kellha tipproteġi lil uliedha minn ċertu ambjenti kif deskritti iktar 'il fuq u anke minn ċertu stil ta' ħajja u għalhekk ma kienx faċli għaliha, u forsi wkoll mhux bil-fors għaqli, li tħalli lil uliedha weħedhom mal-missier. Hija baqgħet madanakollu tieħu lit-tfal il-farm u għand il-familjari tal-attur u kienet *struggle* kontinwa għaliha bejn il-bżonn li żżomm il-familja flimkien u l-fatt li kienu daqshekk jibżgħu u ma jridux jiltaqgħu miegħu u li kellha tipproteġihom.

Ma jagħmilx sens li wieħed jemmen il-verżjoni tal-attur li l-omm kienet li qatgħethom minn miegħu għaliex l-omm anzi tidher li tippersisti minkejja kollox li teħodhom jaraw lil missierhom. Ix-xhieda kollha jixhdu li l-konvenuta fil-fatt kienet mara twajba wisq u li kienet tiftaħ qalbha magħhom mhux quddiem it-tfal, anzi kienu jarawha tisforza lit-tfal sabiex ikellmu lil missierhom minkejja li dawn ma kienux ikunu jridu assolutament. F stess f'wieħed mill-messaġġi lil missieru jgħidlu biex ma jgħidx lil ommu tgħidlu biex ikellmu għax ma riedx. Dan juri kemm it-tifel kien jaf eżattament li ommu ser tgħidlu sabiex ikellmu għaliex kien draha. Il-Qorti ma tarax li jagħmel sens ta' xejn dak li jgħid l-attur li kienet l-omm

[81] Fol. 100.
[82] Fol. 815, Xhieda ta' P Manlafico.

li biegħdithom minnu, anzi l-isforzi tal-omm meta wieħed jeżamina l-każ jidhru li kienu bla waqfien.

Ix-xhieda tal-konvenuta l-Qorti tqisha kredibbli fid-dettall tagħha kif tħoss li huma x-xhieda miġjuba minnha li, fl-esperjenzi differenti tagħhom fl-istorja kollha, jesperjenzaw avvenimenti simili u li jwasslu għall-istess konklużjonijiet. Ix-xhieda raw b'għajnejhom kif ukoll esperjenzaw in-niket li għaddew minnu l-konvenuta u wliedha. Minn naħa l-oħra x-xhieda tal-attur tinħass superfiċjali u in kontro eżami l-parentela tiegħu kienu għal kollox evażivi.

Kif ċitat iktar il fuq u jkompli jkun imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[83]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""*

*Stante* li l-minuri G ilu għal żmien twil fil-kura ta' ommu l-konvenuta u llum prattikament huwa maġġorenni u għalhekk prattikament kapaċi li jieħu deċiżjonijiet għalih, ikun kompitu inutli li takkorda kura u kustodja konġuntiva għal ftit xhur, meta effettivament dan il-minuri ser ikun qed jieħu deċiżjonijiet waħdu dalwaqt, s'intendi dejjem aħjar li jieħu pariri mingħand min jista' jiggwidah u jixtieqlu l-ġid. Din il-Qorti tara wkoll, illi: (i) ma hemm l-ebda prova li turi li l-minuri ma kinux indukrati u mrobbija sew minn ommhom, jew li l-konvenuta ħadet deċiżjonijiet mhux fl-interess tagħhom waqt li qed jgħixu u jirrisjedu magħha; (ii) il-partijiet ma jikkomunikawx bejniethom u dan minħabba d-diverġenza fil-karattri u opinjoni; (iii) il-minuri daħal f'rutina sa minn mindu kien żgħir, liema rutina ma jidhirx li huwa fl-interess tiegħu li din tiġi ddisturbata; u (iv) il-minuri ilu snin ma jara lil missieru.

[83] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li laħqet Carmen Sammut imqabbda bħala esperta tal-Qorti li fir-rapport tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 tgħid "*G hu izghar, biss xorta nhoss li ma jistax jil mIeghel ikollu xi tip ta' kuntatt ma' missieru ghax inhoss li hemm aspetti ta' 'trauma' li nhoss li genwinament ghadu jesibixxi, li jidher li ghadhom jaghmluh ihossu mhux sikur fil-prezenza ta' missieru. Naf li t-talba kienet ghal terapija, biss il-fatt li saret talba b'ghan li hu relatat ma' missieru rega wadbu fi stat ta' krizi. Inhoss li għandu jil mghejjun biex isib spazju terapjewtiku li hu jhossu sikur u protett gewwa fih biex hu jkun jista' jipprocessa ahjar l-esperjenzi li jidher li kellu. Dan ghandu jkun maqtugh mill-process tal-Qorti, u ghandu jkollu l-ghan biss li jghejn lil G skond il-bzonnijiet ta' zvilupp u psikololci li ghandu.*"[84]

Għalhekk filwaqt li l-kura ,u kustodja tal-minuri G għandha tkun fdata f'idejn l-attriċi, kwalunkwe aċċess għandu jsir biss jekk u meta t-tifel iħoss li hu lest li jiltaqa' ma' missieru u bi ftehim miegħu.

In vista li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn il-konvenuta u per konsegwenza l-minuri jgħix magħha, l-attur għandu minimament jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri binhom. Kif ritenut fil-ġurisprudenza "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat*."[85] Skont artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont* ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

Sfortunatament il-Qorti ma għandhiex evidenza ta' l-introjtu tal-attur jew prospett tal-bżonnijiet tal-ulied. Fil-fatt il-Qorti ddeċidiet b'digriet tat-18 ta' Jannar 2017[86] illi l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) kull erbgħa (4) ġimgħat għall-bżonnijiet tal-minuri. Lanqas wara dan id-digriet ma nġabu provi tal-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal jew prospett li minnu l-Qorti tista' tiddeċiedi jekk din is-somma hix ġusta fiċ-ċirkostanzi.

---

[84] Fol. 487.
[85] *ViM*Tiziana Caruana vs Redent Muscat (Rik. Nru. 272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrula (Rik. Nru. 219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.
[86] Fol. 56.

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi billi tikkonferma s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għall-minuri G li għandu sbatax-il (17) sena flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm il-minuri jagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

Fil-każ ta' F li għandu l-età ta' wieħed u għoxrin (21) sena ma jirriżultax mill-proċess jekk dan għadux qed jistudja fuq bażi *full-time* iżda l-attur stess ma jqajjimx dan il-fatt u ma jopponix li jibqa' jħallas il-manteniment u għalhekk ma jidhirx li F jaħdem *full-time*. F'każ illi F għadu jistudja *full time* l-Qorti tikkonferma s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għalih flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm F jagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

F'kaz li l-ulied jagħżlu li jgħixu għal rashom, il-manteniment jgħaddi direttament lilhom.

L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.*

Għalkemm fl-affidavit tagħha l-konvenuta ssemmi l-arretrati ta' manteniment li skond hi għandu jħallasha l-attur, fil-kontro-talba tagħha ma tagħmilx talba dwar dan u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar dan għaliex huwa *ultra petita.*

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri G għandha tkun fdata f'idejn il-konvenuta filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' F li llum huwa maġġorenni. Rigward l-aċċess dan għandu jseħħ biss jekk u meta l-minuri G iħossu lest u bi ftehim ma' missieru;

2. Tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba talba rikonvenzjonali u tordna lill-attur iħallas manteniment għal F u G kif ġej:

Is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għall-minuri G, flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm il-minuri jagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

Fil-każ ta' F li għandu l-età ta' wieħed u għoxrin (21) sena, f'każ illi F għadu jistudja *full time* l-Qorti tikkonferma s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għalih, flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm F jagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

F'kaz li l-ulied jagħżlu li jgħixu għal rashom, il-manteniment jgħaddi direttament lilhom.

L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.*

L-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenut.